**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2025/2095(INI)**

4.7.2025

# EMENDI
# 1 - 256

**Abbozz ta' rapport**
**João Oliveira**
(PE774.256v01-00)

It-tfassil ta' strateġija ġdida tal-UE kontra l-faqar
(2025/2095(INI))

**Emenda 1**
**Niels Geuking, Romana Tomc, Sérgio Humberto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-objettivi tal-politika soċjali stabbiliti fl-Artikoli 151 u 153 tat-TFUE flimkien mal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali,*** |

Or. en

**Emenda 2**
**Liesbet Sommen, Martine Kemp**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),*** |

Or. en

**Emenda 3**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,*** |

Or. en

**Emenda 4**
**Liesbet Sommen, Martine Kemp**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 1b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-Artikoli 145 sa 161 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),*** |

Or. en

**Emenda 5**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Pjan ta' Azzjoni rispettiv, bil-miri ewlenin tiegħu għall-2030 u t-tabella ta' valutazzjoni soċjali tal-UE, | – wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Pjan ta' Azzjoni rispettiv, bil-miri ewlenin tiegħu għall-2030 u t-tabella ta' valutazzjoni soċjali tal-UE, ***u l-indikaturi ewlenin u sekondarji tiegħu,*** |

Or. en

**Emenda 6**
**Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Rachel Blom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***– wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottata fi New York f'Settembru 2015,*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 7**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 4a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika,*** |

Or. en

**Emenda 8**
**Sérgio Humberto, Martine Kemp, Niels Geuking**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 4a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra r-Rapport dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (SDR2025), ippubblikat fit-23 ta' Ġunju 2025,*** |

Or. pt

**Emenda 9**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC), adottata fi New York fl-20 ta' Novembru 1989, | – wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC), adottata fi New York fl-20 ta' Novembru 1989, ***u l-Kummenti*** |

***Ġenerali tagħha,***

Or. en

**Emenda 10**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 9a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), inklużi l-Konvenzjoni Nru 102 dwar is-Sigurtà Soċjali (Standards Minimi), il-Konvenzjoni Nru 111 dwar id-Diskriminazzjoni fir-rigward tal-Impjieg u x-Xogħol, u l-Konvenzjoni Nru 189 dwar ix-Xogħol Deċenti għall-Ħaddiema Domestiċi,*** |

Or. en

**Emenda 11**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 9b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika,*** |

Or. en

**Emenda 12**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 9c (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol,*** |

Or. en

**Emenda 13**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 10a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea,*** |

Or. en

**Emenda 14**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 10b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2023/970 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li ssaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali,*** |

Or. en

**Emenda 15**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 10c (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060,*** |

Or. en

**Emenda 16**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 12a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2021 dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom,*** |

Or. en

**Emenda 17**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 15a (ġdida):**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2022 dwar il-faqar fost in-nisa fl-Ewropa,*** |

Or. en

**Emenda 18**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 15b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Ottubru 2022 dwar is-sitwazzjoni tal-persuni Rom li jgħixu f'insedjamenti fl-UE,*** |

Or. en

**Emenda 19**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 15c (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2023 dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva,*** |

Or. en

**Emenda 20**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 16a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Novembru 2023 bit-titolu "It-tfal jiġu l-ewwel - insaħħu l-Garanzija*** |

***għat-Tfal, sentejn wara l-adozzjoni tagħha”,***

Or. en

**Emenda 21**
**Liesbet Sommen, Martine Kemp**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 16a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta’ Lulju 2022 dwar il-faqar fost in-nisa fl-Ewropa,*** |

Or. en

**Emenda 22**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 16b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta’ Marzu 2025 dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika 2025,*** |

Or. en

**Emenda 23**
**Liesbet Sommen, Martine Kemp**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 16b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni*** |

***tiegħu tal-5 ta' Ottubru 2022 dwar is-sitwazzjoni tal-persuni Rom li jgħixu f'insedjamenti fl-UE,***

Or. en

**Emenda 24**
**Liesbet Sommen, Martine Kemp**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 16c (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2021 dwar id-drittijiet tat-tfal fid-dawl tal-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal,*** |

Or. en

**Emenda 25**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 17a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1238 tat-23 ta' April 2024 dwar l-iżvilupp u t-tishih ta' sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal fl-aħjar interessi tat-tfal,*** |

Or. en

**Emenda 26**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 17b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra r-rapport dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanzi u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali fi żminijiet ta' kriżi għat-tfal u l-familji tagħhom (2023/2066(INI)),*** |

Or. en

**Emenda 27**
**Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Nikola Bartůšek, Pál Szekeres, Rachel Blom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-5 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Unjoni tal-Ugwaljanza: l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025",*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 28**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 22a (ġdida):**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1238 tat-23 ta' April 2024 dwar l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal fl-aħjar interessi tat-tfal,*** |

Or. en

**Emenda 29**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 22a (ġdida):**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-18 ta' Settembru 2020 bit-titolu "Unjoni ta' ugwaljanza: Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025",*** |

Or. en

**Emenda 30**
**Liesbet Sommen, Martine Kemp**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 22a (ġdida):**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tas-27 ta' Jannar 2021 bit-titolu "Inrawmu solidarjetà u responsabbiltà bejn il-ġenerazzjonijiet",*** |

Or. en

**Emenda 31**
**Branislav Ondruš, Jan-Peter Warnke**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 22a (ġdida):**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Soċjali tal-Kummissjoni Ewropea, adottat fid-9 ta' Diċembru 2021,*** |

Or. en

**Emenda 32**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 22b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-12 ta' Novembru 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025",*** |

Or. en

**Emenda 33**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 22b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom,*** |

Or. en

**Emenda 34**
**Liesbet Sommen, Martine Kemp**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 22b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni dwar l-aċċess għal servizzi essenzjali fl-UE,*** |

Or. en

**Emenda 35**
**Niels Geuking, Romana Tomc**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 23a (ġdida):**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Novembru 2023 dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanzi u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali fi żminijiet ta' kriżi għat-tfal u l-familji tagħhom,*** |

Or. en

**Emenda 36**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 23a (ġdida):**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-Pjattaforma Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Kundizzjoni ta' Persuni mingħajr Dar, li tnediet fl-2021,*** |

Or. en

**Emenda 37**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 24a (ġdida):**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, li tagħtih is-setgħa li jiġġieled id-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin, l-età, id-diżabbiltà u l-orjentazzjoni sesswali,*** |

Or. en

**Emenda 38**
**Liesbet Sommen, Martine Kemp**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 25a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Liżbona dwar il-Pjattaforma Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Kundizzjoni ta' Persuni mingħajr Dar,*** |

Or. en

**Emenda 39**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 25a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Liżbona dwar il-Pjattaforma Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Kundizzjoni ta' Persuni mingħajr Dar,*** |

Or. en

**Emenda 40**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 28a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-istudju li talab il-Kumitat TRAN dwar "Transport and tourism in outermost regions: assessing mobility poverty and the effects of new climate policies" (It-trasport u t-turiżmu fir-reġjuni ultraperiferiċi: valutazzjoni tal-faqar tal-mobbiltà u l-effetti ta' politiki ġodda dwar il-klima),*** |

Or. en

**Emenda 41**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 28b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-istudju "Transport Poverty: Definition, indicators, determinants and mitigation strategies" (Faqar tat-Trasport: Definizzjoni, indikaturi, determinanti u strateġiji ta' mitigazzjoni),*** |

***ikkummissjonat mid-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni tal-Kummissjoni Ewropea,***

Or. en

**Emenda 42**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 28c (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima,*** |

Or. en

**Emenda 43**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 28d (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2023 dwar il-holqien tal-impjiegi – it-tranżizzjoni ġusta u l-investimenti b'impatt,*** |

Or. en

**Emenda 44**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 28e (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2023/1791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-effiċjenza enerġetika,*** |

Or. en

**Emenda 45**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 28f (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2024/1275 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija,*** |

Or. en

**Emenda 46**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 29**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – wara li kkunsidra r-rapport ta' Eurochild (***2022***) bit-titolu ***"(In)visible children –*** Eurochild ***2022*** report on children in need across Europe" (***Tfal (in)viżibbli – Rapport tal-2022*** tal-Eurochild dwar it-tfal fil-bżonn madwar l-Ewropa), | – wara li kkunsidra r-rapport ta' Eurochild (***2024***) bit-titolu ***"Children's Realities in Europe: Progress & Gaps -*** Eurochild ***2024 flagship*** report on children in need across Europe" (***Ir-realtajiet tat-Tfal fl-Ewropa: Progress u Diskrepanzi - Ir-rapport ewlieni 2024*** tal-Eurochild dwar it-tfal fil-bżonn madwar l-Ewropa), |

Or. en

**Emenda 47**
**Georgiana Teodorescu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 32a (ġdida):**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Mejju 2023 dwar l-implimentazzjoni tal-iskema tal-frott, il-ħxejjex, il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib għall-iskejjel prevista mir-Regolament dwar Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq,*** |

Or. en

**Emenda 48**
**Georgiana Teodorescu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 32b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tas-27 ta' Marzu 2024 dwar il-viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE,*** |

Or. en

**Emenda 49**
**Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Nikola Bartůšek, Pál Szekeres, Rachel Blom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi ***l-faqar jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-popli u l-ħtieġa li jinqered*** tirrikjedi ***distribuzzjoni aktar ġusta tal-ġid u*** politiki li ***jiżguraw in-natura indiviżibbli*** u ***universali tad-drittijiet politiċi***, ***ekonomiċi***, ***soċjali*** u ***kulturali jkunu***; | A. billi ***strateġija fir-rigward tal-faqar*** tirrikjedi politiki li ***jippromwovu l-prosperità*** u ***l-ġid tan-nazzjonijiet***, ***tal-familji***, ***tal-impriżi*** u ***tal-ħaddiema***; |

Or. en

**Emenda 50**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi l-faqar jikkostitwixxi ksur ***tad-drittijiet*** tal-bniedem u ***tal-popli u*** l-ħtieġa li jinqered tirrikjedi distribuzzjoni aktar ***ġusta*** tal-ġid u politiki li jiżguraw in-natura indiviżibbli u universali tad-drittijiet politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali ***jkunu***; | A. billi l-faqar jikkostitwixxi ksur ***tad-dinjità*** tal-bniedem***,*** u ***billi*** l-ħtieġa li jinqered ***il-faqar*** tirrikjedi distribuzzjoni aktar ***ekwa*** tal-ġid***, aċċess ugwali għall-impjieg u s-servizzi,*** u politiki li jiżguraw in-natura indiviżibbli u universali tad-drittijiet politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali***; billi l-faqar huwa fenomenu multidimensjonali li jestendi lil hinn mill-privazzjoni materjali u jinkludi ostakli għall-edukazzjoni, għall-kura tas-saħħa, għall-parteċipazzjoni soċjali u għall-opportunitajiet ekonomiċi;*** |

Or. en

**Emenda 51**
**João Oliveira, Marie Toussaint, Marit Maij, Pasquale Tridico, Hristo Petrov, Estrella Galán, Pernando Barrena Arza, Giorgos Georgiou, Lynn Boylan, Leila Chaibi, Damien Carême, Anthony Smith, Vicent Marzà Ibáñez, Marina Mesure, Murielle Laurent, Eric Sargiacomo, Cecilia Strada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi r-reġjuni ultraperiferiċi – il-Guyana Franċiża, Guadeloupe, Martinique, il-Majott, La Réunion u Saint Martin (Franza), l-Azores u Madeira (il-Portugall) u l-Gżejjer Kanarji (Spanja) – jospitaw ħames miljun ċittadin Ewropew; billi l-periferiċità, l-insularità, id-daqs żgħir, it-topografija diffiċli tagħhom u d-dipendenza klimatika u ekonomika tagħhom fuq ftit prodotti jirrestrinġu serjament l-iżvilupp tagħhom; billi l-inugwaljanzi huma waħda mill-akbar sfidi soċjali li jiffaċċjaw ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE; billi r-reġjuni ultraperiferiċi kollettivament huma affettwati b'mod sproporzjonat mil-livelli għoljin ta' faqar, qgħad, tluq bikri mill-iskola u rati ta' NEETs, u minn prodott domestiku gross li huwa ferm taħt il-medji tal-UE u dawk nazzjonali (60 % fir-reġjuni ultraperiferiċi jekk il-medja tal-UE-27 titqies bħala 100 %);*** |

Or. en

**Emenda 52**
**Liesbet Sommen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-qerda tal-faqar, il-garanzija ta' opportunitajiet indaqs u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal huma minquxa fl-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u fl-Artikolu 34(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'hekk jikkostitwixxu objettivi ewlenin tal-UE; billi l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, flimkien mal-pjan ta' azzjoni li jakkumpanjah, jenfasizza l-impenn tal-UE għal Ewropa*** |

***soċjali b'saħħitha li fiha tingħata prijorità lit-tnaqqis tal-faqar u l-inklużjoni soċjali;***

Or. en

**Emenda 53**
**Séverine Werbrouck, Juan Carlos Girauta Vidal**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-faqar huwa definit minn nuqqas ta' riżorsi materjali li jipprekludu lil persuna milli jkollha standard ta' għajxien meqjus aċċettabbli fil-pajjiż fejn tgħix; billi għandhom jintużaw indikaturi tanġibbli, bħal persuna li tirċievi anqas minn 60 % tal-introjtu medjan tal-pajjiż li tgħix fih; billi din is-sitwazzjoni tista' tiġi aċċentwata mill-esklużjoni, inkluża l-esklużjoni ġeografika, miż-żoni ta' lhuq fir-rigward ta' impjiegi jew mill-infrastrutturi ewlenin tas-servizz pubbliku, b'mod partikolari d-dežerti mediċi;*** |

Or. fr

**Emenda 54**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-privazzjoni materjali estrema hija definita bħala n-nuqqas ta' oġġetti neċessarji u mixtieqa li huma meħtieġa biex wieħed jgħix ħajja adegwata; billi, fl-2024, 6,4 % tal-popolazzjoni tal-UE esperjenzat privazzjoni materjali u soċjali severa[1a], inkluż nuqqas ta' tisħin adegwat,*** |

***akkomodazzjoni ffullata żżejjed, u nutrizzjoni inadegwata, u billi t-tfal u n-nisa huma affettwati b'mod sproporzjonat minn dan il-fenomenu meta mqabbla ma' gruppi oħra tal-popolazzjoni;***

---

***[1a] Severe material and social deprivation rate by age and sex (Rata ta' privazzjoni materjali u soċjali severa skont l-età u s-sess), Eurostat, https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/ilc_mdsd11__custom_17298005/default/table?lang=en.***

Or. en

**Emenda 55**
**Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi huma meħtieġa mekkaniżmi trasparenti u fil-fond ta' ġbir u rapportar tad-data fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri biex jimmmonitorjaw il-progress fir-rigward tal-miri ewlenin tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għall-2030, inkluż l-objettiv li jitnaqqas l-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali b'mill-inqas 15-il miljun meta mqabbel maċ-ċifri tal-2019;*** |

Or. en

**Emenda 56**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-faqar jikkostitwixxi ksur tal-istat tad-dritt u tal-prinċipji demokratiċi, u jfixkel lill-persuni li jesperjenzaw il-faqar milli jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà u milli jgawdu d-drittijiet fundamentali tagħhom fuq l-istess livell ma' ħaddieħor, li jikkontradixxi direttament il-valuri fundaturi tal-UE kif iddikjarat fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;*** |

Or. en

**Emenda 57**
**Georgiana Teodorescu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-fatturi li jikkontribwixxu għaċ-ċiklu tal-faqar fiż-żoni rurali huma speċifiċi u l-isfidi tal-persuni vulnerabbli li jgħixu f'żoni rurali huma differenti minn dawk tal-persuni vulnerabbli li jgħixu f'żoni urbani;*** |

Or. en

**Emenda 58**
**Romana Jerković**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-pazjenti bil-kanċer u dawk li jfiequ minnu spiss ikunu f'riskju akbar tal-faqar u l-esklużjoni soċjali minħabba diffikultajiet biex jerġgħu jidħlu fis-suq*** |

***tax-xogħol u minħabba diskriminazzjoni finanzjarja;***

Or. en

**Emenda 59**
**Martine Kemp, Liesbet Sommen, Regina Doherty, Sérgio Humberto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-investiment bikri fl-edukazzjoni tat-tfal u fl-appoġġ tal-familja jaġixxi bħala miżura preventiva kontra l-faqar u jiġġenera benefiċċji soċjali sinifikanti fit-tul;*** |

Or. en

**Emenda 60**
**Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Rachel Blom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-politika soċjali tal-Unjoni hija kompetenza ta' appoġġ tal-attivitajiet tal-Istati Membri (ex Artikolu 153(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea);*** |

Or. en

**Emenda 61**
**Niels Geuking, Romana Tomc**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-faqar, speċjalment il-faqar fost it-tfal u l-familji, qed jeskala u jhedded is-sikurezza u l-istabbiltà tad-demokraziji tagħna;*** |

Or. en

**Emenda 62**
**João Oliveira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-faqar u l-esklużjoni soċjali jirriflettu d-distribuzzjoni inugwali tal-ġid;*** |

Or. pt

**Emenda 63**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ab (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ab. billi l-Unjoni Ewropea adottat il-mira tal-2030 li tnaqqas l-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali b'mill-inqas 15-il miljun meta mqabbel mal-2019, inklużi mill-inqas 5 miljun tifel u tifla; billi l-Istati Membri impenjaw ruħhom għal miri nazzjonali sabiex jilħqu dan l-għan ewlieni, u billi t-tendenza qed tindika fid-direzzjoni opposta għal kważi nofs l-Istati Membri; billi fl-2024, 93,3 miljun persuna fl-UE (21 % tal-popolazzjoni) kienu fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali,*** |

***li huwa biss ftit anqas mil-livell tal-2019[1a]; billi mingħajr bidla fl-approċċ biex jiġi indirizzat il-faqar fil-livell Ewropew, mhux se jkun possibbli li titreġġa' lura t-tendenza u jiġi żgurat li kull ċittadin ikollu opportunitajiet indaqs biex jipparteċipa fis-soċjetà;***

---

***[1a] Persons at risk of poverty or social exclusion by age and sex (Persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali skont l-età u s-sess), Eurostat, https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/ilc_peps01n/default/table?lang=en.***

Or. en

**Emenda 64**
**Liesbet Sommen, Martine Kemp**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ab (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ab. billi fl-2023, 94,6 miljun persuna fl-UE-27 kienu għadhom fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, u dan jikkorrispondi għal aktar minn abitant wieħed minn kull ħamsa tal-Unjoni Ewropea; billi l-ġlieda kontra l-faqar tirrikjedi approċċ koordinat u olistiku, fejn huwa essenzjali li jiġi żviluppat għarfien espert u jiġi kondiviż l-għarfien dwar kwistjonijiet bħall-faqar fost it-tfal, il-faqar enerġetiku, il-faqar fost komunitajiet speċifiċi, gruppi ta' minoranza, l-anzjani u n-nisa; billi strateġija komprensiva bħal din teħtieġ l-involviment tal-Istati Membri, ir-reġjuni u s-soċjetà ċivili tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 65**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ab (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ab. billi, fl-2024, mill-anqas 93,3 miljun persuna fl-UE kienu qed jgħixu fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali; billi, skont ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2025, 1,6 miljun persuna biss tneħħew mill-faqar mill-2019 'l hawn; billi l-UE għadha'l bogħod milli tilħaq il-mira miftiehma fid-Dikjarazzjoni ta' Porto tat-8 ta' Mejju 2021, li impenjat ruħha li tnaqqas sal-2030 l-għadd ta' persuni li jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali bi 15-il miljun, inklużi 5 miljun tifel u tifla;*** |

Or. en

**Emenda 66**
**Georgiana Teodorescu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ab (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ab. billi ż-żoni rurali jesperjenzaw livelli ogħla ta' faqar enerġetiku, filwaqt li f'pajjiżi fejn il-livelli ta' faqar enerġetiku huma ferm ogħla mill-medja tal-UE, iż-żoni rurali huma s-soltu l-aktar milquta[1a];*** |
| | ***[1a] https://joint-research-centre.ec.europa.eu/jrc-news-and-updates/european-rural-areas-face-higher-levels-energy-poverty-2025-06-26_en*** |

Or. en

**Emenda 67**
**João Oliveira, Marie Toussaint, Marit Maij, Pasquale Tridico, Hristo Petrov, Estrella Galán, Pernando Barrena Arza, Giorgos Georgiou, Lynn Boylan, Leila Chaibi, Damien Carême, Anthony Smith, Vicent Marzà Ibáñez, Marina Mesure, Murielle Laurent, Eric Sargiacomo, Cecilia Strada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ab (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ab. billi l-Istrateġija tal-UE Kontra l-Faqar trid tqis dawn l-ispeċifiċitajiet territorjali u tiżgura risponsi ta' politika u mekkaniżmi ta' finanzjament imfassla apposta li jippromwovu b'mod effettiv l-inklużjoni soċjali u l-koeżjoni territorjali;*** |

Or. en

**Emenda 68**
**Martine Kemp, Liesbet Sommen, Regina Doherty**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ab (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ab. billi l-aċċess bikri għal indukrar tat-tfal u edukazzjoni ta' kwalità huwa kruċjali għall-iżvilupp san tal-aktar tfal żgħar fl-età, u jpoġġi l-pedament biex jinkiser iċ-ċiklu tal-faqar u tiġi promossa l-inklużjoni soċjali;*** |

Or. en

**Emenda 69**
**Niels Geuking, Romana Tomc, Sérgio Humberto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ab (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ab. billi fl-aħħar irridu nirrikonoxxu madwar l-Ewropa kollha li l-prijorità ta' politika tal-UE rigward it-tnaqqis immirat tal-faqar hija essenzjali għall-preservazzjoni tas-soċjetajiet Ewropej tagħna, tal-mudell soċjali u tal-valuri tagħna;*** |

Or. en

**Emenda 70**
**João Oliveira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ab (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ab. billi l-qerda tal-faqar teħtieġ politiki integrati li jaħdmu flimkien biex jiksbu l-koeżjoni soċjali u jipprevjenu li l-inugwaljanzi jmorru għall-agħar;*** |

Or. pt

**Emenda 71**
**Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Cecilia Strada, Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ab (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ab. billi jeżistu ostakli sinifikanti fis-suq tax-xogħol attwali u fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali għall-gruppi vulnerabbli u emarġinati;*** |

Or. en

**Emenda 72**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ac (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ac. billi kważi 20 miljun tifel u tifla, wild minn kull erbgħa, huma fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fl-Unjoni Ewropea, u billi t-tendenza attwali mhux se tissodisfa l-mira li jitnaqqas l-għadd ta' tfal fil-faqar b'mill-inqas 5 miljuni sal-2030; billi huma osservati disparitajiet sinifikanti fost it-tfal li ġejjin minn kuntest etniku jew ta' migrazzjoni u t-tfal b'diżabbiltà; billi, skont l-aħħar data disponibbli mill-2021 maħruġa mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), 83 % tat-tfal Rom fl-Unjoni Ewropea għexu f'unitajiet domestiċi fir-riskju tal-faqar, meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 20 % għat-tfal kollha; billi r-riżorsi tal-UE u dawk nazzjonali użati bħalissa bl-ebda mod ma huma biżżejjed biex tiġi indirizzata l-isfida tal-faqar fost it-tfal fl-UE u, għalhekk, strument ta' finanzjament iddedikat għall-Garanzija Ewropea għat-Tfal kif ukoll sinerġiji ma' fondi Ewropej u nazzjonali oħra huma ta' importanza assoluta kemm fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali kif ukoll f'dak li jmiss;*** |

Or. en

**Emenda 73**
**Liesbet Sommen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ac (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ac. billi l-persuni li jgħixu fil-faqar huma affettwati b'mod sproporzjonat minn stili ta' ħajja mhux tajbin għas-saħħa u aċċess limitat għal ikel tajjeb għas-saħħa u kura tas-saħħa ta' kwalità; billi l-faqar huwa konsegwentement assoċjat ma' riskju akbar ta' problemi ta' saħħa fiżika u mentali, inkluż tnaqqis fil-kapaċità tax-xogħol u produttività aktar baxxa; billi l-faqar, l-iżolament soċjali u l-istress kroniku huma marbuta mill-qrib, u jdgħajfu l-benesseri mentali u jżidu r-riskju ta' mġiba ta' dipendenza bħall-użu tat-tabakk u tal-alkoħol;*** |

Or. en

**Emenda 74**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ac (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ac. billi n-nisa, il-persuni razzjalizzati, il-persuni LGBTQIA+, il-persuni akbar fl-età u ż-żgħażagħ, il-persuni mingħajr dokumenti, il-migranti, il-persuni Rom, it-Travellers, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni diskriminati minħabba r-reliġjon jew it-twemmin tagħhom, u l-ġenituri waħedhom huma affettwati b'mod sproporzjonat mill-faqar, flimkien mal-intersezzjoni ma' forom oħra ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u diskriminazzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 75**
**João Oliveira, Marie Toussaint, Marit Maij, Pasquale Tridico, Hristo Petrov, Estrella**

**Galán, Pernando Barrena Arza, Giorgos Georgiou, Lynn Boylan, Leila Chaibi, Damien Carême, Anthony Smith, Vicent Marzà Ibáñez, Marina Mesure, Sirpa Pietikäinen, Murielle Laurent, Eric Sargiacomo, Cecilia Strada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ac (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ac. billi livelli għoljin ta' dejn tal-unitajiet domestiċi – il-medja tal-UE-27 ta' 82 % tal-proporzjon tad-dejn għall-introjtu fl-2024[1a] – ixekklu d-deċiżjonijiet tal-unitajiet domestiċi u jikkundizzjonaw il-parteċipazzjoni fix-xogħol, li spiss iwasslu għall-aċċettazzjoni ta' pagi aktar baxxi u kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, li jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-kontinwazzjoni tal-faqar;*** |
| | ***[1a] https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/tec00104/default/table*** |

Or. en

**Emenda 76**
**Martine Kemp, Liesbet Sommen, Regina Doherty, Sérgio Humberto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ac (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ac. billi l-indirizzar tal-faqar u l-esklużjoni soċjali jeħtieġ approċċ iċċentrat fuq in-nies, intersezzjonali u olistiku li jirrikonoxxi d-dimensjonijiet varjati u intersezzjonali tal-faqar;*** |

Or. en

**Emenda 77**
**João Oliveira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ac (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ac. billi huwa meħtieġ li jiġu miġġielda l-istigmatizzazzjoni u d-diskriminazzjoni tal-persuni li jgħixu fil-faqar u li jiġi żgurat li l-ġlieda kontra l-faqar tkun iffukata fuq l-integrazzjoni soċjali tagħhom;*** |

Or. pt

**Emenda 78**
**Niels Geuking, Romana Tomc, Sérgio Humberto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ac (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ac. billi l-politika soċjali preventiva permezz ta' investiment bikri fl-edukazzjoni tat-tfal u l-appoġġ għall-familja tagħti riżultati soċjali futuri ta' livell għoli;*** |

Or. en

**Emenda 79**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ad (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ad. billi l-ewwel snin tal-ħajja tat-tfal huma kruċjali għall-iżvilupp fiżiku, mentali, konjittiv, soċjali u emozzjonali tagħhom u għas-sodisfazzjon tagħhom tul il-ħajja kollha; billi l-esperjenzi tat-tfal jinfluwenzaw il-kapaċità tagħhom li*** |

| | |
|---|---|
| | ***jadattaw, jintegraw fis-soċjetà u jlaħħqu mal-kundizzjonijiet negattivi fil-ħajja adulta; billi l-infiq pubbliku fuq it-tfal u ż-żgħażagħ ma għandux jitqies biss bħala nefqa soċjali iżda bħala investiment fil-futur; billi għat-tfal, l-investimenti soċjali jwasslu għal edukazzjoni u prospetti ta' impjieg aħjar, li min-naħa tagħhom jagħtu spinta lill-indikaturi ekonomiċi;*** |

Or. en

**Emenda 80**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ad (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ad. billi l-faqar huwa wkoll kemm kawża kif ukoll konsegwenza ta' diskriminazzjoni intersezzjonali, u jaffettwa b'mod sproporzjonat lill-individwi u lill-komunitajiet abbażi tal-ġeneru, ir-razza, l-etniċità, id-diżabbiltà, l-età, l-istatus tal-migrazzjoni, l-orjentazzjoni sesswali u identitajiet intersezzjonali oħra, u l-indirizzar tal-faqar għalhekk jeħtieġ politiki li jirrikonoxxu u jiġġieldu dawn il-forom ta' marġinalizzazzjoni li jikkoinċidu, u jiżguraw it-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem kollha għall-persuni kollha;*** |

Or. en

**Emenda 81**
**João Oliveira, Marie Toussaint, Marit Maij, Pasquale Tridico, Hristo Petrov, Estrella Galán, Pernando Barrena Arza, Giorgos Georgiou, Lynn Boylan, Leila Chaibi, Damien Carême, Anthony Smith, Vicent Marzà Ibáñez, Marina Mesure, Sirpa Pietikäinen, Murielle Laurent, Eric Sargiacomo, Cecilia Strada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ad (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ad. billi, fl-2021, 25 % tar-Rom irrapportaw li, fit-12-il xahar preċedenti, esperjenzaw diskriminazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' kuljum, inkluż it-tfittxija ta' impjieg, fuq il-post tax-xogħol, l-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni, is-segregazzjoni u l-esklużjoni soċjoekonomika[1a], u din irriżultat f'livelli għoljin b'mod sproporzjonat ta' faqar, bi 80 % tar-Rom jgħixu taħt il-livell limitu nazzjonali tar-riskju ta' faqar[1b];*** |
| | ***[1a] https://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/fra-2022-roma-survey-2021-main-results2_en.pdf*** |
| | ***[1b] https://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/fra-2016-eu-minorities-survey-roma-selected-findings_en.pdf*** |

Or. en

**Emenda 82**
**João Oliveira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ad (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ad. billi huwa meħtieġ li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tal-persuni li jgħixu fil-faqar biex jiġu definiti, implimentati u evalwati l-politiki li jaffettwawhom, bl-għan li jiżdiedu l-parteċipazzjoni demokratika, l-awtonomizzazzjoni u l-emanċipazzjoni soċjali tal-persuni li jgħixu fil-faqar, kif ukoll riżultati aktar*** |

***effettivi u ekwi minn dawk il-politiki;***

Or. pt

**Emenda 83**
**Liesbet Sommen, Martine Kemp**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ad (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ad. billi r-rabta bejn il-faqar u s-saħħa hija influwenzata b'mod sinifikanti minn ostakli għall-aċċess għall-kura tas-saħħa, użu aktar baxx tal-kura primarja u tnaqqis fl-ammissjonijiet fl-isptarijiet; billi l-persuni li jgħixu fil-faqar jiffaċċjaw rati ogħla ta' mortalità u riskju akbar ta' mewt prematura;*** |

Or. en

**Emenda 84**
**Martine Kemp, Liesbet Sommen, Regina Doherty**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ad (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ad. billi għad hemm distakk diġitali fl-Unjoni Ewropea, li potenzjalment iwassal għall-esklużjoni diġitali, b'mod partikolari fost dawk li jesperjenzaw il-faqar;*** |

Or. en

**Emenda 85**
**Niels Geuking**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ad (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ad. billi l-Garanzija Ewropea għat-Tfal, vitali għal ħafna tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) qed tintuża b'mod insuffiċjenti;*** |

Or. en

**Emenda 86**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ae (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ae. billi l-aċċess għal servizzi ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal (ECEC) ta' kwalità għolja huwa essenzjali biex jiġu żgurati opportunitajiet edukattivi ugwali għat-tfal minn sfondi żvantaġġati, bħat-tfal b'diżabbiltà jew bi ħtiġijiet edukattivi speċifiċi; billi dawn is-servizzi jrid ikollhom riżorsi finanzjarji u umani adegwati biex jidentifikaw u jappoġġjaw lit-tfal li jesperjenzaw diffikultajiet partikolari;*** |

Or. en

**Emenda 87**
**Liesbet Sommen, Martine Kemp**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ae (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ae. billi l-faqar mestruwali fl-UE huwa ta' tħassib partikolari, peress li ħafna bniet u nisa ma għandhomx il-*** |

***mezzi finanzjarji meħtieġa biex jixtru prodotti mestruwali, u dan jista' jwassal għal stress, assenteiżmu mill-iskejjel, iżolament soċjali u problemi tas-saħħa;***

Or. en

**Emenda 88**
**João Oliveira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ae (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ae. billi l-aċċess għall-impjiegi, il-pagi ġusti u t-trasferimenti soċjali għandhom impatt sinifikanti fuq it-tnaqqis tar-riskju tal-faqar;*** |

Or. pt

**Emenda 89**
**Niels Geuking, Romana Tomc, Sérgio Humberto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ae (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ae. billi, biex jinkiser l-iżvantaġġ intergenerazzjonali, l-enfasi trid tkun fuq il-familja kollha li tkun qed tesperjenza l-faqar, il-ġenituri u t-tfal;*** |

Or. en

**Emenda 90**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Af (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Af. billi t-tfal li jistgħu jibbenefikaw l-aktar mill-attendenza għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal, bħal dawk minn sfondi żvantaġġati, għandhom it-tendenza li jipparteċipaw l-anqas u jkomplu jiffaċċjaw ostakli għall-aċċess; billi l-Istati Membri huma rrakkomandati li jiżguraw li, sal-2030, mill-anqas 45 % tat-tfal taħt l-età ta' tliet snin jipparteċipaw fl-ECEC (il-miri ta' Barċellona), u li l-UE għandha tinvesti fi EUR 11-il biljun addizzjonali fis-sena biex tilħaq din il-mira[1a];*** |
| | ***[1a] Employment and Social Developments in Europe (ESDE) (Impjiegi u Żviluppi Soċjali fl-Ewropa) 2024, il-Kummissjoni Ewropea, Settembru 2024.*** |
| | Or. en |

**Emenda 91**
**Liesbet Sommen, Martine Kemp**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Af (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Af. billi, fl-2023, madwar 20,2 % tal-persuni b'diżabbiltà fl-UE-27 li kellhom 16-il sena u aktar għexu f'unità domestika fir-riskju tal-faqar; billi fl-istess grupp ta' età, madwar 10,5 % tal-persuni b'diżabbiltà għexu f'unità domestika f'riskju ta' privazzjoni materjali u soċjali severa; jinnota li dawn il-perċentwali huma ferm ogħla minn dawk ta' persuni mingħajr diżabbiltà fl-istess grupp ta' età;*** |
| | Or. en |

**Emenda 92**
**João Oliveira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Af (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Af. billi hemm ħaddiema li qed jgħixu fil-faqar bħala riżultat ta' pagi baxxi, nuqqas ta' sigurtà fl-impjieg kif ukoll impjieg mhux kontinwu jew xogħol part-time.*** |

Or. pt

**Emenda 93**
**Niels Geuking, Romana Tomc, Sérgio Humberto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Af (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Af. billi jeħtiġilna ma nabbandunawx l-objettivi tagħna jew nirrassenjaw ruħna għall-faqar li qed jikber, b'mod partikolari fost it-tfal u l-familji; fejn ikun hemm rieda politika, ikun hemm mod;*** |

Or. en

**Emenda 94**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ag (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ag. billi l-komunitajiet Rom għadhom jesperjenzaw xi wħud mill-ogħla livelli ta' faqar u esklużjoni soċjali fl-Unjoni*** |

***Ewropea, b'sa 80 % f'riskju ta' faqar u 48 % li jiffaċċjaw privazzjoni materjali severa, u billi t-tfal Rom huma partikolarment vulnerabbli għal dawn il-kundizzjonijiet; billi d-data tindika li n-nisa Rom jiffaċċjaw żvantaġġi akbar kemm mill-irġiel Rom kif ukoll minn nisa oħra f'oqsma ewlenin tal-ħajja soċjali, bħall-edukazzjoni, l-impjiegi u s-saħħa[1a]; billi d-diskriminazzjoni strutturali u intersezzjonali bbażata fuq il-ġeneru, l-etniċità, id-diżabbiltà jew l-età tibqa' mutur primarju tal-faqar u l-esklużjoni;***

---

***[1a] Stħarriġ dwar ir-Rom – "Data in focus: Discrimination against and living conditions of Roma women in 11 Member States" (Data fil-fokus: Id-diskriminazzjoni kontra n-nisa Rom u l-kundizzjonijiet tal-għajxien tagħhom fi 11-il Stat Membru), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, 2014***

Or. en

**Emenda 95**
**Liesbet Sommen, Martine Kemp**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ag (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ag. billi l-familji b'ġenitur wieħed jiffaċċjaw żieda fir-riskju tal-faqar, li twassal biex il-membri tal-familja jinqabdu b'mod aktar frekwenti f'ċiklu vizzjuż ta' faqar li jgħaddi minn ġenerazzjoni għal oħra; billi l-appoġġ u l-assistenza għall-familja preventivi u mmirati huma essenzjali biex jawtonomizzaw lil dawn il-familji u jkissru ċ-ċikli tal-faqar;*** |

Or. en

**Emenda 96**
**João Oliveira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ag (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ag. billi n-negozjar u l-ikkuntattjar kollettivi u t-trade unions għandhom rwol ewlieni fit-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol, u kienu l-mira ta' attakk serju mill-istituzzjonijiet u l-leġiżlazzjoni tal-UE;*** |

Or. pt

**Emenda 97**
**Niels Geuking, Romana Tomc, Sérgio Humberto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ag (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ag. billi l-familji huma grupp fundamentali tas-soċjetà Ewropea tagħna;*** |

Or. en

**Emenda 98**
**João Oliveira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ah (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ah. billi n-nisa huma affettwati minn livelli ogħla ta' faqar minħabba diskriminazzjoni u inugwaljanzi meta mqabbla mal-irġiel, bħal diffikultajiet*** |

***akbar biex jaċċessaw l-impjiegi, differenzjali tal-pagi, intensità tax-xogħol aktar baxxa, karrieri professjonali li jdumu anqas, disparitajiet fil-valur tal-pensjonijiet u l-benefiċċji soċjali[1a], diffikultajiet biex jaċċessaw kura tas-saħħa speċifika, distribuzzjoni mhux ugwali u kompiti domestiċi[1b];***

---

***[1a] https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2019/631033/IPOL_BRI(2019)631033_EN.pdf***

***[1b] https://eige.europa.eu/publications-resources/toolkits-guides/gender-equality-index-2021-report/gender-differences-household-chores***

Or. pt

**Emenda 99**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ah (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ah. billi madwar 895,000 persuna fl-Unjoni Ewropea esperjenzaw il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar fi kwalunkwe lejl partikolari fl-2023[1a]; billi r-Rom u gruppi emarġinati oħra huma affettwati b'mod sproporzjonat minn żgumbramenti furzati minn akkomodazzjonijiet muniċipali, inklużi r-Rom li jħallsu l-kera regolari; billi f'ħafna każijiet, l-awtoritajiet ma rnexxilhomx jipprovdu akkomodazzjoni alternattiva jew kumpens adegwat għall-esproprjazzjoni[1b];*** |

---

***[1a] Eighth overview of housing exclusion in Europe (It-tmien ħarsa ġenerali dwar l-esklużjoni mill-akkomodazzjoni fl-***

***Ewropa), FEANTSA, 2023.***

***[1b] Housing conditions of Roma and Travellers in the European Union - Comparative report (Kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni tar-Rom u tat-Travellers fl-Unjoni Ewropea - Rapport komparattiv), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, 2009.***

Or. en

**Emenda 100**
**Liesbet Sommen, Martine Kemp**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ah (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ah. billi l-iżviluppi demografiċi jikkontribwixxu għal żieda fil-faqar fiż-żoni rurali, b'mod partikolari fil-forma ta' faqar monetarju, faqar tat-trasport u faqar tal-opportunitajiet; billi n-nisa li jgħixu f'żoni rurali huma partikolarment vulnerabbli għall-faqar minħabba aċċess limitat għall-impjiegi, is-servizzi u l-appoġġ soċjali;*** |

Or. en

**Emenda 101**
**Niels Geuking, Romana Tomc, Sérgio Humberto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ah (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ah. billi l-integrazzjoni ekonomika teħtieġ b'mod inerenti koordinazzjoni fil-protezzjoni soċjali, inkluża protezzjoni soċjali adegwata fl-Istati Membri kollha,*** |

***u tinkludi l-benefiċċji tat-tfal u tal-familja;***

Or. en

**Emenda 102**
**Niels Geuking, Romana Tomc**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ai (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ai. billi l-vot pożittiv tal-Parlament Ewropew dwar ir-riżoluzzjoni tiegħu ta' Novembru 2023 dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanzi u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali għat-tfal u l-familji witta t-triq għal inizjattiva "Familji Aktar b'Saħħithom", li tippromwovi politika ekonomika u soċjali kkombinata ma' miżuri ta' kumpens għal nuqqasijiet soċjetali u flessibbiltà akbar biex jiġi indirizzat direttament in-nuqqas ta' ħaddiema, jissaħħu s-swieq tagħna, u jiġi miġġieled il-faqar;*** |

Or. en

**Emenda 103**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ai (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ai. billi r-rinnovazzjoni tal-istokk tad-djar tinvolvi t-titjib jew ir-restawr tal-bini u l-infrastruttura eżistenti, inkluži miżuri li jsaħħu l-effiċjenza enerġetika; billi l-iżgurar tal-adegwatezza ta' tali rinnovazzjonijiet għandu jinkludi l-akkwist ta' apparat essenzjali, bħal magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ u stufi tal-kċina, li*** |

***jiżgura li abitazzjoni tissodisfa l-istandards ta' abitabbiltà u jipprovdi ambjent ta' għajxien funzjonali;***

Or. en

**Emenda 104**
**Liesbet Sommen, Martine Kemp**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ai (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ai. billi l-investimenti fit-tixjiħ san u attiv jagħtu benefiċċji soċjali u ekonomiċi sinifikanti, b'mod partikolari minħabba r-riskju akbar ta' faqar fost il-persuni akbar fl-età u dawk irtirati; billi l-politika għandha tiffoka mhux biss fuq l-istennija tal-għomor iżda wkoll fuq l-għadd ta' snin ta' ħajja fi stat tajjeb ta' saħħa;*** |

Or. en

**Emenda 105**
**João Oliveira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ai (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ai. billi l-faqar fost it-tfal jirriżulta mill-faqar tal-familji, u n-nuqqas ta' rispons komprensiv ifisser li l-faqar jibqa' sejjer tul iċ-ċiklu tal-ħajja (fit-tfulija, fuq il-post tax-xogħol u waqt l-irtirar), u jżid il-probabbiltà ta' faqar interġenerazzjonali.*** |

Or. pt

**Emenda 106**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aj (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aj. billi l-aċċess għall-ilma huwa ħtieġa essenzjali u dritt fundamentali tal-bniedem; billi madwar 9,8 miljun persuna fl-UE ma għandhomx servizzi tal-ilma tax-xorb ġestiti b'mod sikur[1a]; billi 9,4 miljun oħra jiddependu fuq servizzi bażiċi tal-ilma mhux fuq il-post[1b], u madwar 450,000 individwu ma għandhom l-ebda aċċess, lanqas għal servizzi bażiċi tal-ilma tax-xorb[1c]; billi l-faqar tal-ilma jaffettwa b'mod sproporzjonat lill-gruppi emarġinati bħar-Rom, il-migranti, u l-individwi mingħajr dar;*** |

***[1a] https://data.worldbank.org/indicator/SH.H2O.SMDW.ZS?locations=EU (reference year: 2020).***

***[1b] https://data.worldbank.org/indicator/SH.H2O.BASW.ZS?locations=EU (reference year: 2020).***

***[1c] Eurostat, https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/sdg_06_10/default/table?lang=en. https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/demo_pjan/default/table?lang=en.***

Or. en

**Emenda 107**
**Liesbet Sommen, Martine Kemp**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aj (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aj. billi edukazzjoni ta' kwalità hija lieva essenzjali fil-ġlieda kontra l-faqar, peress li twassal għal opportunitajiet ta' impjieg aħjar, kundizzjonijiet tal-għajxien imtejba, u impatt pożittiv kemm fuq is-saħħa mentali kif ukoll fuq is-saħħa fiżika; billi l-investiment f'edukazzjoni ta' kwalità, b'mod partikolari għal persuni minn minoranzi u gruppi vulnerabbli, huwa wieħed mill-aktar modi effettivi biex jitnaqqas il-faqar b'mod sostenibbli u strutturali;*** |

Or. en

**Emenda 108**
**Niels Geuking, Romana Tomc, Sérgio Humberto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aj (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aj. billi t-tisħiħ tas-sistemi għall-benefiċċji tal-familja tal-Istati Membri se jrawwem koeżjoni soċjali aktar b'saħħitha, jibni l-kapital uman għas-suq tax-xogħol tal-Ewropa, iżid id-dħul mit-taxxa, itejjeb il-kompetittività ekonomika fit-tul, u jeqred il-faqar fost it-tfal, f'allinjament sħiħ mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal (CRC);*** |

Or. en

**Emenda 109**
**João Oliveira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aj (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aj. billi l-anzjani, il-persuni b'diżabbiltà, il-familji b'ġenitur wieħed, il-minoranzi etniċi u l-migranti huma gruppi aktar vulnerabbli għall-faqar u l-esklużjoni soċjali, u t-tfal migranti huma rrappreżentati żżejjed fil-grupp fir-riskju tal-faqar;*** |

Or. pt

**Emenda 110**
**João Oliveira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ak (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ak. billi fl-2024: 93,3 miljun persuna fl-UE (21,0 % tal-popolazzjoni) kienu fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali; ir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fl-UE kien ogħla għan-nisa milli għall-irġiel (21,9 %, meta mqabbel ma' 20,0 %); fl-UE, is-sitwazzjoni tal-impjieg influwenzat ħafna r-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, li tvarja bejn 10,9 % għall-ħaddiema u 66,6 % għall-persuni qiegħda; u billi fl-2024, 21,9 % tal-popolazzjoni tal-UE li kienet tgħix f'unitajiet domestiċi bi tfal dipendenti kienet fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali[1a];*** |
| | ***1a https://ec.europa.eu/eurostat/cache/dashboard/social-scoreboard/*** |

Or. pt

**Emenda 111**
**Liesbet Sommen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ak (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ak. billi l-promozzjoni ta' postijiet tax-xogħol favur il-familja u ta' bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tikkontribwixxi għal strutturi tal-familja aktar b'saħħithom u aktar stabbli; billi r-riċerka turi li persuni b'livelli ta' edukazzjoni aktar baxxi u pożizzjonijiet soċjoekonomiċi aktar dgħajfa statistikament jiffaċċjaw riskju ogħla ta' problemi ta' relazzjonijiet u divorzju; billi t-tfal ta' ġenituri divorzjati jesperjenzaw aktar spiss tnaqqis finanzjarju u huma stess għandhom riskju akbar ta' divorzju aktar tard fil-ħajja; billi din id-dinamika tista' tikkontribwixxi għal ċiklu ta' faqar interġenerazzjonali;*** |

Or. en

**Emenda 112**
**Niels Geuking, Romana Tomc, Sérgio Humberto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ak (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ak. billi l-ġbir flimkien ta' tliet benefiċċji ewlenin eżistenti tal-familja[1a] fl-Istati Membri jissimplifika l-aċċess għall-familji, isaħħaħ il-koerenza tal-politika u jimmassimizza l-effettività tal-investiment pubbliku fil-protezzjoni soċjali, il-benesseri tat-tfal u l-iżvilupp tat-tfal;*** |
| | ***[1a] benefiċċju tat-tfal garantit adegwat, liv tal-ġenituri garantit adegwat, u aċċess*** |

***garantit adegwat għall-indukrar tat-tfal sal-età tal-iskola***

Or. en

**Emenda 113**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ak (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ak. billi kulħadd fl-Unjoni għandu d-dritt li jaċċessa servizzi essenzjali ta' kwalità tajba akkumpanjati minn miżuri ta' appoġġ għal dawk fil-bżonn; billi l-persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali jiffaċċjaw ostakli strutturali f'dan ir-rigward, b'mod partikolari r-Rom u l-persuni mingħajr dar, marbuta mal-affordabbiltà, in-nuqqas ta' infrastruttura jew ħiliet;*** |

Or. en

**Emenda 114**
**Liesbet Sommen, Martine Kemp**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Al (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Al. billi l-Garanzija Ewropea għat-Tfal hija kruċjali għall-prevenzjoni tal-esklużjoni soċjali fost it-tfal billi tiżgura aċċess effettiv għat-tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli għal servizzi essenzjali bħal akkomodazzjoni adegwata, nutrizzjoni tajba għas-saħħa, faċilitajiet edukattivi ta' kwalità u mingħajr ħlas, u kura tas-saħħa; billi l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u r-riżorsi finanzjarji mill-FSE+ għandhom rwol ewlieni fil-ġlieda*** |

***kontra l-faqar fost it-tfal; billi l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni sistematiċi tal-implimentazzjoni u l-impatt ta' dawn il-miżuri huma ta' importanza kbira;***

Or. en

**Emenda 115**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Al (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Al. billi servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja u affordabbli huma essenzjali biex jinkisbu livelli għoljin ta' protezzjoni soċjali, koeżjoni soċjali u inklużjoni soċjali; billi s-servizzi pubbliċi jiffaċċjaw ħafna sfidi relatati mal-kontinwità tas-servizz, u dawn iżidu d-domanda u t-tixjiħ tal-popolazzjoni; billi d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi toffri opportunitajiet sinifikanti, iżda tirrikjedi sforzi mmirati biex tiġi żgurata l-inklużjoni ta' gruppi vulnerabbli;*** |

Or. en

**Emenda 116**
**João Oliveira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Al (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Al. billi kien hemm rigress f'ċerti oqsma fl-UE f'dawn l-aħħar snin: l-indikaturi tal-għadd ta' tfal fir-riskju tal-faqar żdiedu – il-faqar fost it-tfal żdied minn 23,6 % fl-2019 għal 24,2 % fl-2024 – u l-effettività tal-protezzjoni soċjali li tnaqqas il-faqar naqset fil-perjodu 2021-*** |

***2024 minn 37,1 % għal 34,4 %[1a].***

***[1a] https://ec.europa.eu/eurostat/cache/dashboard/social-scoreboard/***

Or. pt

**Emenda 117**
**Niels Geuking, Romana Tomc, Sérgio Humberto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Al (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Al. billi l-aktar impatt immedjat u sostanzjali se jkun it-tisħiħ tat-tfal taħt l-età ta' sitt snin, li minnufih se jnaqqas ir-rata ta' tfal fir-riskju tal-faqar, it-tisħiħ tal-familji bħala l-pedament tas-soċjetà, u dan se jagħti lill-ġenituri aċċess aktar faċli għas-suq tax-xogħol mill-ewwel jum;*** |

Or. en

**Emenda 118**
**Liesbet Sommen, Martine Kemp**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Am (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Am. billi fl-2023, 97,7 % tal-unitajiet domestiċi kollha fl-UE kellhom aċċess għal mill-inqas teknoloġija tal-broadband fissa waħda, meta mqabbla ma' 92,2 % biss fiż-żoni rurali; billi l-aċċess għal internet veloċi u affidabbli huwa essenzjali għall-parteċipazzjoni f'soċjetà infurmata u mmexxija mill-għarfien, kif ukoll għall-aċċess għall-impjiegi, l-edukazzjoni, is-servizzi pubbliċi u l-kura*** |

***tas-saħħa; billi n-nuqqas ta' aċċess għall-broadband iżid id-distakk diġitali u jaggrava r-riskju tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali;***

Or. en

**Emenda 119**
**João Oliveira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Am (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Am. billi l-Pjan ta' Azzjoni għall-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, adottat fl-2021, huwa limitat biex jidentifika l-għan li jitnaqqas l-għadd ta' persuni fil-faqar bi 15-il miljun, inklużi 5 miljun tifel u tifla, sal-2030, u billi l-ilħuq ta' din il-mira jkun ifisser li madwar 78 miljun persuna, inklużi 15-il miljun tifel u tifla, fl-UE xorta jkunu fir-riskju tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali sa dak iż-żmien[1a];*** |
| | ***1a https://op.europa.eu/webpub/empl/european-pillar-of-social-rights/downloads/KE0921008ENN.pdf*** |

Or. pt

**Emenda 120**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Am (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Am. billi l-iskemi tas-sigurtà soċjali jiffaċċjaw ħafna sfidi relatati mad-*** |

***demografija, forom ġodda ta' xogħol u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali; billi dawn l-iżviluppi jagħmluha neċessarja li jiġu kkunsidrati mill-ġdid is-sistemi tas-sigurtà soċjali sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tagħhom f'termini ta' finanzjament u adegwatezza, kif ukoll l-effettività tagħhom fit-tnaqqis tal-faqar u l-inugwaljanza fost il-gruppi vulnerabbli;***

Or. en

**Emenda 121**
**Niels Geuking, Romana Tomc, Sérgio Humberto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Am (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Am. billi, permezz tal-ħolqien ta' standards tal-għajxien xierqa għall-familji billi jinġabru flimkien tliet benefiċċji ewlenin tal-familja[1a], l-Istati Membri jippromwovu ekwità u koeżjoni soċjali akbar madwar l-UE;*** |
| | ***[1a] benefiċċju tat-tfal garantit adegwat, liv tal-ġenituri garantit adegwat, u aċċess garantit adegwat għall-indukrar tat-tfal sal-età tal-iskola;*** |

Or. en

**Emenda 122**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa An (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***An. billi l-iskemi ta' introjtu minimu jibqgħu għodda affidabbli biex jiġi żgurat*** |

***l-introjtu, u dawn inaqqsu l-inugwaljanza u l-faqar madwar l-Unjoni Ewropea; billi dawn l-iskemi ta' introjtu minimu jvarjaw b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri f'termini ta' adegwatezza u kopertura tal-benefiċċji u r-rabta tagħhom mal-miżuri ta' attivazzjoni tas-suq tax-xogħol; billi l-livelli ta' introjtu minimu huma ferm taħt il-livelli limitu nazzjonali tal-faqar fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri; billi r-rata ta' nuqqas ta' użu għall-iskemi ta' introjtu minimu hija stmata bejn 30 % u 50 % tal-popolazzjoni eliġibbli fl-Unjoni, u din timmina l-objettivi ta' dan l-istrument ta' appoġġ;***

Or. en

**Emenda 123**
**João Oliveira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa An (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***An. billi, fl-14 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill adotta r-rakkomandazzjoni tiegħu dwar Garanzija Ewropea għat-Tfal, sabiex jiżgura li t-tfal fil-bżonn ikollhom aċċess għal servizzi ewlenin, perezempju, servizzi ta' kura mingħajr ħlas u edukazzjoni għat-tfulija bikrija, edukazzjoni mingħajr ħlas (inklużi attivitajiet addizzjonali fl-iskejjel u, mill-anqas, ikla waħda tajba għas-saħħa għal kull jum tal-iskola), kura tas-saħħa mingħajr ħlas, nutrizzjoni tajba għas-saħħa u akkomodazzjoni adegwata[1a];*** |

***[1a] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32021H1004***

Or. pt

**Emenda 124**
**Niels Geuking, Romana Tomc**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa An (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***An. billi, biex l-istrateġija tal-UE kontra l-faqar, u b'mod speċifiku l-inizjattiva "Familji Aktar b'Saħħithom" tkun effettiva, l-Istati Membri għandhom jitħeġġu bil-qawwa biex jinvestu fil-politiki soċjali, bil-Kummissjoni li tirrikonoxxi l-ispejjeż demografiċi tal-Istati Membri bħala investiment fil-qafas tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir biex ikunu jistgħu jsiru l-finanzjament u l-investiment meħtieġa;*** |

Or. en

**Emenda 125**
**João Oliveira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ao (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ao. billi r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fil-qafas tas-Semestru Ewropew għandhom it-tendenza li jinċentivaw tnaqqis fis-servizzi pubbliċi u protezzjoni soċjali minflok ma jippromwovu żieda fid-dħul pubbliku, u billi, mill-introduzzjoni tas-Semestru Ewropew fl-2011, il-Kummissjoni ripetutament irrakkomandat li l-gvernijiet inaqqsu l-finanzjament għas-servizzi pubbliċi u d-drittijiet soċjali, bħat-tnaqqis fil-kura tas-saħħa jew il-privatizzazzjoni tas-servizzi tas-saħħa pubblika;*** |

Or. pt

**Emenda 126**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ao (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ao. billi fl-2024, fl-Unjoni Ewropea, ir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għall-persuni b'diżabbiltà kien 61 % ogħla meta mqabbel ma' persuni mingħajr limitazzjonijiet; billi l-persuni b'diżabbiltà għadhom jiffaċċjaw ostakli biex jaċċessaw l-impjieg, b'impatt dirett fuq l-introjtu u r-riskju tal-faqar tagħhom, peress li d-differenza fl-impjiegi bejn il-persuni b'diżabbiltà u l-persuni mingħajr diżabbiltà hija ta' 24 % fl-Unjoni[1a];*** |
| | ***[1a] Eurostat, https://ec.europa.eu/eurostat/en/web/products-catalogues/w/ks-01-25-025.*** |

Or. en

**Emenda 127**
**Niels Geuking, Romana Tomc**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ao (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ao. billi r-rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri biex jintroduċu mekkaniżmi ta' politika olistiċi, simplifikati, b'riżorsi adegwati, integrati u azzjonabbli għal familji aktar b'saħħithom se jgħinu lill-Istati Membri jiżguraw aċċess sħiħ u ekwu għat-tliet benefiċċji ewlenin tal-familja[1a] għall-familji kollha;*** |

***[1a] benefiċċju tat-tfal garantit adegwat, liv tal-ġenituri garantit adegwat u aċċess garantit adegwat għall-indukrar tat-tfal sal-età tal-iskola***

Or. en

**Emenda 128**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ap (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ap. billi l-unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed, b'mod partikolari dawk immexxija min-nisa, jiffaċċjaw riskju sproporzjonat ta' faqar (aktar minn 32 %), meta mqabbla ma' 11,2 % biss fost il-familji b'żewġ ġenituri[1a]; billi l-faqar jibqa' wieħed mill-fatturi li jikkontribwixxu għas-separazzjoni tal-familji fl-UE; billi fatturi sistemiċi bħan-nuqqas ta' aċċess għas-servizzi, l-instabbiltà tal-akkomodazzjoni, l-insigurtà tal-introjtu u l-prevenzjoni insuffiċjenti u s-servizzi ta' appoġġ għall-familja jimminaw il-kapaċità tal-familji li jieħdu ħsieb it-tfal tagħhom f'ambjenti komunitarji;** |

***[1a] At-risk-of-poverty rate by poverty threshold and household type (Ir-rata tar-riskju tal-faqar skont il-livell limitu tal-faqar u t-tip ta' unità domestika), Eurostat, https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/ilc_li03/default/table?lang=en.***

Or. en

**Emenda 129**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aq (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aq. billi l-familji jesperjenzaw sfidi multipli u interrelatati li l-ebda servizz waħdu ma jista' jsolvi jew l-ebda organizzazzjoni waħedha ma tista' ssolvi; billi l-kontinwità tas-servizzi kif ukoll il-koordinazzjoni xierqa bejn is-servizzi huma essenzjali biex jitħejjew u jiġu ffaċilitati t-tranżizzjonijiet li jiffaċċjaw it-tfal; billi t-tfal għandhom jitqiegħdu fil-qalba tal-politiki biex jiġġieldu l-faqar u jitqiesu bħala parti minn kontinwità ta' servizzi integrati li tmur lil hinn mill-mandat tad-diversi organizzazzjonijiet li jakkumpanjawhom matul l-iżvilupp tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 130**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ar (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ar. billi l-esperjenzi negattivi fit-tfulija, id-diskriminazzjoni u l-ambjenti instabbli huma whud mill-kawżi ewlenin tal-problemi tas-saħħa mentali li qed jiżviluppaw fit-tfulija bikrija; billi l-familji fir-riskju jista' jkollhom aċċess limitat għas-servizzi tas-saħħa mentali minħabba ostakli finanzjarji, stigma, jew disponibbiltà; billi d-diskriminazzjoni għandha rabta diretta mal-faqar peress li l-esperjenzi diskriminatorji jxekklu lill-persuni li jesperjenzaw il-faqar milli*** |

***jaċċessaw standard tal-għajxien adegwat;***

Or. en

**Emenda 131**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa As (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***As. billi għad hemm mill-inqas 1,4 miljun persuna residenti f'istituzzjonijiet fl-UE, għalkemm din iċ-ċifra tista' tkun sottovalutata minħabba nuqqas ta' disponibbiltà, konsistenza u kopertura tad-data; billi t-tqegħid tat-tfal f'istituzzjonijiet għandu konsegwenzi serji għat-tfal u l-familji billi jkompli l-istigma u l-iżolament soċjali, u jalimenta ċiklu intergenerazzjonali ta' żvantaġġi[1a]; billi r-residenti tal-istituzzjonijiet huma iżolati mill-komunità usa' u ma għandhomx kontroll suffiċjenti fuq ħajjithom u d-deċiżjonijiet li jaffettwawhom; billi, minkejja l-fatt li l-Unjoni ilha impenjata fil-proċess ta' deistituzzjonalizzazzjoni, għadhom meħtieġa sforzi kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali biex il-gruppi vulnerabbli jkunu jistgħu jgħixu f'ambjent komunitarju jew tal-familja;*** |
| | ***[1a] Policy brief: Keeping families together in Europe (Dokument ta' Sintesi: Inżommu l-familji magħqudin fl-Ewropa), UNICEF, 2024.*** |

Or. en

**Emenda 132**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa At (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***At. billi r-Rapport tal-UE tal-2024 dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet jenfasizza li fl-2022, madwar 18,5 miljun individwu li kellhom 65 sena u aktar fl-Unjoni Ewropea kienu fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali[1a]; billi r-rati tar-riskju tal-faqar (AROP) fl-2022 jaffettwaw 14,2 % tal-irġiel u 19,8 % tan-nisa f'dan il-grupp ta' età; billi r-rata tal-AROP fost dawk li kellhom 65 sena u aktar żdiedet b'mod kostanti kemm minħabba ż-żieda fir-rati tal-faqar kif ukoll minħabba t-tixjiħ tal-popolazzjoni;*** |
| | ***[1a] Kummissjoni Ewropea: id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS), The 2024 pension adequacy report – Current and future income adequacy in old age in the EU (Ir-rapport tal-2024 dwar l-adegwatezza tal-pensjonijiet – l-adegwatezza tal-introjtu attwali u futur għall-anzjani fl-UE). Volum I, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea 2024, https://data.europa.eu/doi/10.2767/909323 .*** |

Or. en

**Emenda 133**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Au (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Au. billi, fl-2023, in-nisa fl-Unjoni Ewropea kellhom paga b'medja ta' 12 % inqas fis-siegħa mill-irġiel, li tirrifletti*** |

***differenza persistenti fil-pagi bejn il-ġeneri li tikkontribwixxi għal inugwaljanza ekonomika tul il-ħajja, inklużi disparitajiet fil-pensjonijiet u riskji akbar ta' faqar fost in-nisa anzjani; billi din id-differenza fil-pagi hija xprunata minn fatturi bħas-segregazzjoni okkupazzjonali, differenzi fis-sigħat tax-xogħol u rappreżentanza inugwali fi rwoli għolja, li kollettivament ifixklu l-indipendenza ekonomika u s-sigurtà soċjali tan-nisa; billi l-indirizzar tad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri huwa essenzjali biex jinkisbu swieq tax-xogħol ġusti u jitnaqqas il-faqar ibbażat fuq il-ġeneru fil-gruppi tal-etajiet kollha;***

Or. en

**Emenda 134**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Av (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Av. billi, fl-2024, 8,2 % tal-persuni impjegati kollha fl-Unjoni Ewropea esperjenzaw faqar fost dawk li jaħdmu[1a], u billi l-analiżi tad-data tal-2022 tiżvela li l-ħaddiema part-time iffaċċjaw livelli sproporzjonatament ogħla ta' faqar fost dawk li jaħdmu (13,5 %) meta mqabbla mal-ħaddiema full-time (7,1 %)[1b]; billi l-faqar fost dawk li jaħdmu joħloq ostakli għall-inklużjoni soċjali u l-istabbiltà ekonomika; billi l-indirizzar tal-faqar fost dawk li jaħdmu huwa essenzjali biex jiġu promossi impjiegi ġusti, jitnaqqsu l-inugwaljanzi u jiġi żgurat żvilupp ekonomiku sostenibbli u inklużiv madwar l-UE;*** |

***[1a] In work at-risk-of-poverty rate (Ir-rata ta' persuni li jaħdmu fir-riskju tal-faqar),***

***Eurostat, https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/sdg_01_41/default/table.***

***[1b] Employment and Social Developments in Europe (ESDE) (Impjiegi u Żviluppi Soċjali fl-Ewropa) 2023, Kummissjoni Ewropea.***

Or. en

**Emenda 135**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aw (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aw. billi l-Unjoni Ewropea adottat il-mira li mill-anqas 60 % tal-adulti għandhom jipparteċipaw fit-taħriġ kull sena sal-2030; billi l-Istati Membri impenjaw ruħhom għal miri nazzjonali sabiex jilħqu dan l-għan ewlieni u billi l-maġġoranza tal-Istati Membri waqgħu lura biex jilħqu dawn il-miri nazzjonali; billi fl-2022, ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim kienet ta' 39,5 %, li għadha ferm taħt il-mira tal-UE 2030[1a]; billi huma meħtieġa aktar sforzi sostanzjali biex jiġu żgurati l-għoti ta' politiki ta' taħriġ ta' kwalità, kif ukoll l-aċċess għalihom, li jippromwovu t-tagħlim tul il-ħajja u jsaħħu l-kompetittività, ir-reżiljenza u l-inklużività tal-forza tax-xogħol tal-UE;** |

***[1a] Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Kultura, "Education and training monitor 2024 – Comparative report" (Il-monitor tal-edukazzjoni u t-taħriġ 2024 – Rapport komparattiv), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024,***

***https://data.europa.eu/doi/10.2766/815875***
***.***

Or. en

**Emenda 136**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ax (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ax. billi l-esklużjoni diġitali tippersisti fl-Unjoni Ewropea, fejn individwi jew gruppi jiġu mċaħħda minn aċċess sħiħ għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u mill-kapaċità li jużawhom, u b'hekk tiġi mfixkla l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja ekonomika, soċjali u politika tas-soċjetà; billi d-distakk diġitali huwa partikolarment evidenti fl-Unjoni fost il-gruppi vulnerabbli, inklużi l-persuni b'introjti baxxi jew b'livelli baxxi ta' edukazzjoni, l-anzjani, il-persuni b'diżabbiltà u l-persuni li jgħixu f'żoni rurali jew iżolati; billi kważi nofs il-popolazzjoni adulta ma għandhiex ħiliet diġitali bażiċi minkejja li aktar minn 90 % tal-impjiegi jirrikjeduhom; billi 5,4 % tat-tfal fl-età tal-iskola madwar l-Ewropa jesperjenzaw privazzjoni diġitali, b'disparitajiet sostanzjali fl-aċċess għar-riżorsi diġitali osservati bejn pajjiżi differenti [1a]; billi fl-2023 instab li, 32 % tal-Ewropej ta' età bejn is-16 u d-29 sena kellhom livell ta' ħiliet diġitali taħt il-livell bażiku, u din iċ-ċifra titla' għal 43 % fost dawk li laħqu livell edukattiv baxx, li jenfasizza diskrepanza sinifikanti fil-ħiliet diġitali fid-demografika taż-żgħażagħ[1b];** |
| | ***[1a] Ayllón, S., Holmarsdottir, H. & Lado, S. Digitally Deprived Children in Europe. Child Ind Res 16, 1315–1339 (2023). https://doi.org/10.1007/s12187-022-***

***10006-w.***

***[1b] BERTONI, E., COSGROVE, J. u CACHIA, R., Digital skills gaps - a closer look at the Digital Skills Index (DSI 2.0), il-Kummissjoni Ewropea, Ispra, 2024, JRC140617.***

Or. en

**Emenda 137**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ay (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ay. billi fl-2022, il-punteġġ medju tal-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA) għall-kejl tal-ħiliet bażiċi (il-qari, il-matematika u x-xjenza) ta' dawk li għandhom 15-il sena naqas b'10 punti meta mqabbel mal-aħħar mewġa fl-2018; billi progress insuffiċjenti huwa prevalenti fost l-istudenti żvantaġġati, li juri li l-inugwaljanzi b'rabta mal-edukazzjoni kibru; billi dan id-deterjorament inkwetanti jitlob riformi u investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex jiġu evitati dawn id-diskrepanzi fl-iżvilupp, li jżidu r-riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali għall-gruppi vulnerabbli;*** |

Or. en

**Emenda 138**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa -Az (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Az. billi l-investiment pubbliku huwa mistenni li fl-2025 jiżdied kważi fl-Istati Membri kollha, b'kontribuzzjoni sinifikanti mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RFF) tan-NextGenerationEU u mill-fondi tal-UE f'diversi Stati Membri; billi madwar 162,3 biljun allokati lill-Istati Membri fl-ambitu tal-RFF jikkontribwixxu għall-infiq soċjali, li jammonta għal madwar 25 % tan-nefqa totali stmata[1a]; billi l-investimenti soċjali u r-riformi f'oqsma essenzjali jistgħu jagħtu spinta lill-impjiegi, lill-inklużjoni soċjali, lill-kompetittività u lit-tkabbir ekonomiku;*** |
| | ***[1a] Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, COM(2024)474 final.*** |

Or. en

**Emenda 139**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aaa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aaa. billi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal tirrappreżenta opportunità ewlenija biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi u tiġi promossa l-inklużjoni soċjali tat-tfal u li, bl-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni, l-Istati Membri tal-UE wrew l-impenn tagħhom għal politika integrata mmirata lejn it-tkissir taċ-ċirku vizzjuż tal-faqar; billi minkejja l-allokazzjoni ta' 5 % tal-FSE+ speċifikament għat-tnaqqis tal-*** |

***faqar fost it-tfal, ir-rata tat-tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) żdiedet f'xi Stati Membri, li jindika l-ħtieġa ta' użu aktar ambizzjuż u effettiv tal-finanzjament;***

Or. en

**Emenda 140**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aab (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aab. billi l-koordinazzjoni u l-integrazzjoni f'diversi livelli bejn l-istrumenti u l-politiki varji tal-Unjoni Ewropea huma essenzjali għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija kontra l-Faqar; billi l-governanza tagħha għandha tkun ankrata wkoll f'mekkaniżmu robust għall-monitoraġġ tal-objettivi tal-Istrateġija, kif ukoll l-użu sħiħ tal-proċess tas-Semestru Ewropew;*** |

Or. en

**Emenda 141**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aac (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aac. billi l-Istrateġija kontra l-Faqar se tagħti riżultati biss jekk tkun akkumpanjata minn riżorsi finanzjarji adegwati u jekk l-objettivi tagħha jkunu appoġġjati mill-fondi settorjali rilevanti varji tal-UE; billi d-dispożizzjonijiet dwar il-faqar u l-inklużjoni soċjali fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali għandhom*** |

***jiġġeddu u jissaħħu fil-qafas li jmiss;***

Or. en

**Emenda 142**
**Martine Kemp, Liesbet Sommen, Regina Doherty**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Lejn strateġija mmirata lejn ***il-qerda*** tal-faqar | Lejn strateġija mmirata lejn ***it-tmiem*** tal-faqar |

Or. en

**Emenda 143**
**Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Cecilia Strada, Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 1a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jenfasizza li l-faqar huwa fenomenu kumpless li jaffettwa l-oqsma kollha tal-ħajja, li jinvolvi privazzjoni materjali, soċjali, psikoloġika u politika, li għandu l-għeruq tiegħu f'inġustizzja sistemika u strutturali, u li jingħaqad ma' inugwaljanzi storiċi bbażati fuq il-ġeneru u l-espressjoni tal-ġeneru, ir-razza u l-etniċità, ir-reliġjon, l-istatus ta' migrant, l-età, l-orjentazzjoni sesswali u d-diżabbiltà;*** |

Or. en

**Emenda 144**
**Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Romana Jerković, Alicia Homs Ginel, Cecilia Strada, Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 1b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ifakkar li l-faqar jaffettwa b'mod sproporzjonat lill-gruppi tas-soċjetà emarġinati u vulnerabbli, bħan-nisa, il-persuni minn sfondi razzjali u etniċi differenti, nies li qed jesperjenzaw il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, l-individwi LGBTQIA+, il-persuni akbar fl-età u ż-żgħażagħ, il-persuni mingħajr dokumenti, il-migranti, il-komunitajiet tar-Rom u tat-Travellers, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni li jiffaċċjaw diskriminazzjoni abbażi tar-reliġjon jew tat-twemmin, il-persuni li jiffaċċjaw mard u dipendenza kroniċi, il-persuni li jindukraw b'mod informali u l-ġenituri waħedhom;*** |

Or. en

**Emenda 145**
**Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 1c (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jenfasizza li l-ġlieda kontra l-faqar tista' tintrebaħ biss billi jiġu promossi politiki li jiżguraw l-indiviżibbiltà u l-universalità tad-drittijiet politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali, filwaqt li jirrikonoxxi li forom intersezzjonali ta' diskriminazzjoni jistgħu joħolqu ostakli akbar għall-aċċess għal xi gruppi, li jkunu jeħtieġu miżuri mmirati;*** |

Or. en

**Emenda 146**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu -1 (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1. Jinsab imħasseb li, fl-2024, 93,3 miljun ruħ fl-UE kienu għadhom fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali; jisħaq li, mingħajr bidla fundamentali fl-approċċ għall-ġlieda kontra l-faqar u finanzjament adegwat, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha mhux se jilħqu l-objettivi tagħhom għat-tnaqqis tal-faqar; jemmen li t-tħabbira tal-ewwel Strateġija tal-UE kontra l-Faqar li qatt saret hija pass fid-direzzjoni t-tajba lejn it-treġġigħ lura tat-tendenza, iżda trid tipprovdi approċċ komprensiv biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin u l-aspetti multidimensjonali tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, kif ukoll l-interkonnessjonijiet tagħhom, fir-rigward ta' aċċess għal impjiegi ta' kwalità, protezzjoni soċjali u introjtu minimu, servizzi pubbliċi, edukazzjoni, intervent fit-tfulija bikrija, kura tas-saħħa, ikel, akkomodazzjoni, enerġija u tassazzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 147**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu -1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1a. Jinsab imħasseb ħafna li, fl-2024, aktar minn 27 miljun persuna fl-UE ġew affettwati minn privazzjoni materjali u soċjali severa; jisħaq li l-Istrateġija kontra l-Faqar għandha tiffoka fuq miżuri għal dawk l-aktar vulnerabbli għall-faqar*** |

***estrem, bħat-tfal f'kura istituzzjonali, il-komunitajiet Rom, il-persuni b'diżabbiltà, u l-persuni mingħajr dar, filwaqt li tirrikonoxxi li dawn il-gruppi jiffaċċjaw ostakli uniċi u amplifikati għall-inklużjoni soċjali;***

Or. en

**Emenda 148**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu -1b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1b. Jisħaq li l-aktar politika sostenibbli għat-tnaqqis tal-faqar hija waħda li mill-bidu nett tipprevjeni li jokkorri l-faqar; jinsisti li l-Istrateġija kontra l-Faqar tadotta approċċ inklużiv ibbażat fuq il-prevenzjoni; jenfasizza l-benefiċċji fit-tul tal-investiment soċjali fil-kura tas-saħħa aċċessibbli u ta' kwalità għolja, l-indukrar tat-tfal, l-edukazzjoni inklużiva, l-akkomodazzjoni affordabbli u sistemi ta' protezzjoni soċjali adegwati;*** |

Or. en

**Emenda 149**
**Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Nikola Bartůšek, Pál Szekeres, Rachel Blom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta Strateġija kontra l-Faqar (***minn hawn 'il quddiem "l-Istrateġija") li tinkludi bħala linji gwida*** u ***objettivi*** | 1. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta Strateġija kontra l-Faqar (***"l-Istrateġija") li tappoġġja l-attivitajiet tal-Istati Membri fil-politika soċjali u tinkludi*** |

ġenerali: | ***l-objettivi*** u ***l-linji gwida*** ġenerali ***li ġejjin***:

Or. en

**Emenda 150**
**Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta Strateġija kontra l-Faqar (***minn hawn 'il quddiem "l-Istrateġija")*** li tinkludi ***bħala linji*** gwida ***u objettivi ġenerali***: | 1. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta Strateġija kontra l-Faqar (***"l-Istrateġija") komprensiva, ambizzjuża u ffinanzjata b'mod adegwat*** li tinkludi ***tal-anqas l-objettivi u l-linji*** gwida ***ġenerali li ġejjin***: |

Or. en

**Emenda 151**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta Strateġija kontra l-Faqar (***minn hawn 'il quddiem*** "l-Istrateġija") li tinkludi ***bħala linji*** gwida ***u objettivi ġenerali***: | 1. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta Strateġija kontra l-Faqar ("l-Istrateġija") ***ambizzjuża*** li tinkludi ***l-objettivi u l-linji*** gwida ***ġenerali li ġejjin***: |

Or. en

**Emenda 152**
**Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres, Rachel Blom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt a**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a) ir-rikonoxximent tal-faqar ***bħala ksur tad-drittijiet tal-bniedem*** u ***tal-popli***; | a) ir-rikonoxximent ***li l-aqwa strateġija fir-rigward*** tal-faqar ***tirrikjedi l-promozzjoni tal-prosperità u tal-ġid tan-nazzjonijiet, tal-familji, tal-impriżi*** u ***tal-ħaddiema***; |

Or. en

**Emenda 153**
**Georgiana Teodorescu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt a**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a) ir-rikonoxximent tal-faqar bħala ***ksur*** tad-drittijiet ***tal-bniedem*** u ***tal-popli***; | a) ir-rikonoxximent tal-faqar bħala ***ostaklu sinifikanti għall-opportunità ekonomika u għat-tgawdija*** tad-drittijiet***, b'enfasi fuq l-awtonomizzazzjoni tal-individwi*** u ***tal-komunitajiet biex jegħlbuh***; |

Or. en

**Emenda 154**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt a**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a) ir-rikonoxximent tal-faqar bħala ksur ***tad-drittijiet*** tal-bniedem u ***tal-popli***; | a) ir-rikonoxximent tal-faqar bħala ksur ***tad-dinjità*** tal-bniedem u ***il-promozzjoni ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet f'konformità mal-oqfsa legali internazzjonali***; |

Or. en

**Emenda 155**
**Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt a**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a) ir-rikonoxximent tal-faqar bħala ksur tad-drittijiet tal-bniedem u ***tal-popli***; | a) ir-rikonoxximent tal-faqar bħala ksur tad-drittijiet tal-bniedem u ***tad-dinjità tal-bniedem***; |

Or. en

**Emenda 156**
**Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***aa) definizzjoni komprensiva tal-faqar fl-UE kollha li tmur lil hinn mill-privazzjoni materjali u tqis ukoll determinanti soċjali oħra bħall-aċċess għall-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni, kura tas-saħħa adegwata u parteċipazzjoni soċjali;*** |

Or. en

**Emenda 157**
**Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres, Rachel Blom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt b**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b) l-istabbiliment ***tal-objettiv tal-qerda urġenti tal-faqar sa mhux aktar tard mill-2035***; | b) l-istabbiliment ***tal-għan li jitnaqqas il-faqar fin-nazzjonijiet li jiffurmaw l-Unjoni Ewropea***; |

Or. en

**Emenda 158**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt b**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b) l-istabbiliment ***tal-objettiv tal-qerda urġenti*** tal-faqar ***sa mhux aktar tard mill-2035***; | b) l-istabbiliment ***tal-għanijiet għall-qerda*** tal-faqar ***u għat-tnaqqis ta' mill-anqas bin-nofs tal-proporzjon tal-irġiel, in-nisa u t-tfal ta' kull età li jgħixu fil-faqar fid-dimensjonijiet kollha tiegħu sal-2030, billi jiġu kkombinati miżuri fuq terminu qasir u twil***; |

Or. en

**Emenda 159**
**Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt b**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b) ***l-istabbiliment tal-objettiv tal-qerda urġenti tal-faqar*** sa mhux aktar tard mill-2035; | b) ***għanijiet realistiċi biex jitnaqqas il-faqar bit-tir li jiġi eliminat*** sa mhux aktar tard mill-2035; |

Or. en

**Emenda 160**
**Martine Kemp, Liesbet Sommen, Regina Doherty**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt b**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b) l-istabbiliment ***tal-objettiv tal-qerda*** urġenti tal-faqar sa mhux aktar tard mill-2035; | b) l-istabbiliment ***tal-għan tat-tmiem*** urġenti tal-faqar sa mhux aktar tard mill-2035; |

Or. en

**Emenda 161**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***ba) l-iżvilupp ta' indikaturi tal-progress, stadji importanti ċari, u qafas ta' monitoraġġ li jippermetti li l-politiki u l-finanzjament jiġu adattati għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu;*** |

Or. en

**Emenda 162**
**Georgiana Teodorescu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt c**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| c) ***il-koordinazzjoni*** xierqa bejn l-UE ***u*** l-Istati Membri, ***kif ukoll mar-reġjuni***, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà, ***sabiex jintlaħaq dan l-objettiv***; | c) ***l-iżgurar ta' koordinazzjoni*** xierqa bejn l-UE**,** l-Istati Membri, ***u l-awtoritajiet reġjonali***, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà, ***u l-UE tipprovdi appoġġ fejn meħtieġ***; |

Or. en

**Emenda 163**
**Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc**

**Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt c**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| c) il-koordinazzjoni xierqa bejn ***l-UE*** u l-Istati Membri, ***kif ukoll*** mar-reġjuni, ***filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju*** tas-sussidjarjetà, sabiex jintlaħaq dan ***l-objettiv***; | c) il-koordinazzjoni xierqa bejn ***il-Kummissjoni*** u l-Istati Membri, ***u meta applikabbli*** mar-reġjuni, ***f'konformità mal-prinċipju*** tas-sussidjarjetà, sabiex jintlaħaq dan ***l-għan***; |

Or. en

**Emenda 164**
**Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt d**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| d) ***l-approċċ*** komprensiv u integrat ***għall-politiki u l-miżuri għall-ġlieda kontra l-faqar u l-objettiv tal-qerda tal-faqar bħala kriterju trażversali fil-politiki settorjali***; | d) ***approċċ*** komprensiv u integrat ***għall-fondi tal-Unjoni li jaċċerta li dawn jilħqu lill-benefiċjarji aħħarin***; |

Or. en

**Emenda 165**
**Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt d**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| d) ***l-approċċ*** komprensiv u integrat għall-politiki u ***l-miżuri għall-ġlieda kontra l-faqar*** u ***l-objettiv tal-qerda*** tal-faqar ***bħala kriterju trażversali fil-politiki settorjali***; | d) ***approċċ*** komprensiv***, iffukat fuq in-nies*** u integrat għall-politiki ***kontra l-faqar li jsaħħaħ l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali*** u ***jirrifletti n-natura multidimensjonali tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***faqar*** u ***jiżgura li t-tnaqqis*** tal-faqar ***u l-esklużjoni soċjali jkunu objettiv trażversali għall-politiki kollha tal-Unjoni***; |

Or. en

**Emenda 166**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt d**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| d) ***l-approċċ*** komprensiv u ***integrat*** għall-politiki u ***l-miżuri għall-ġlieda*** kontra l-faqar u ***l-objettiv*** tal-qerda tal-faqar bħala kriterju trażversali fil-politiki settorjali; | d) ***approċċ*** komprensiv***, integrat, allinjat*** u ***intersezzjonali*** għall-politiki u ***għall-miżuri*** kontra l-faqar***, inkluż id-dritt għal servizzi aċċessibbli, affordabbli, disponibbli*** u ***ta' kwalità għolja u l-għan*** tal-qerda tal-faqar bħala kriterju trażversali fil-politiki settorjali; |

Or. en

**Emenda 167**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt d**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| d) ***l-approċċ*** komprensiv u integrat għall-politiki u ***l-miżuri għall-ġlieda*** kontra l-faqar ***u l-objettiv tal-qerda tal-faqar bħala kriterju trażversali fil-politiki*** settorjali; | d) ***approċċ*** komprensiv u integrat għall-politiki u ***għal miżuri konkreti*** kontra l-faqar ***kif ukoll l-integrazzjoni tal-isforzi kontra l-faqar f'politiki*** settorjali ***oħrajn***; |

Or. en

**Emenda 168**
**András Tivadar Kulja**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt d**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| d) ***l-approċċ*** komprensiv u integrat għall-politiki u ***l-miżuri għall-ġlieda*** kontra l-faqar u ***l-objettiv*** tal-qerda tal-faqar bħala kriterju trażversali fil-politiki settorjali; | d) ***approċċ*** komprensiv u integrat għall-politiki u ***għall-miżuri*** kontra l-faqar u ***l-għan*** tal-qerda tal-faqar bħala kriterju trażversali fil-politiki settorjali; ***inkluży l-implikazzjonijiet finanzjarji tal-mard kroniku u fit-tul;*** |

Or. en

**Emenda 169**
**Martine Kemp, Liesbet Sommen, Regina Doherty**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt d**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| d) ***l-approċċ*** komprensiv u integrat għall-politiki u ***l-miżuri għall-ġlieda*** kontra l-faqar u ***l-objettiv tal-qerda*** tal-faqar bħala kriterju trażversali fil-politiki settorjali; | d) ***approċċ*** komprensiv u integrat għall-politiki u ***għall-miżuri*** kontra l-faqar u ***l-għan tat-tmiem*** tal-faqar bħala kriterju trażversali fil-politiki settorjali; |

Or. en

**Emenda 170**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***da) jiġi pprovdut bilanċ bejn miżuri universali aċċessibbli għall-persuni kollha li jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali u miżuri mmirati għal dawk l-aktar*** |

***vulnerabbli bħat-tfal, il-familji b'ġenitur wieħed, il-persuni b'diżabbiltà, ir-Rom, u l-persuni mingħajr dar;***

Or. en

**Emenda 171**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt db (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***db) il-promozzjoni ta' approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja biex jiġi indirizzat il-faqar, li jibda fit-tfulija u matul l-istadji kollha tal-ħajja;*** |

Or. en

**Emenda 172**
**Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Rachel Blom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt e**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| e) ***il-parteċipazzjoni xierqa, effettiva u trasparenti ta' persuni f'sitwazzjoni ta' faqar*** fid-definizzjoni, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki ***indirizzati lilhom***; | e) ***sovranità sħiħa tal-Istati Membri*** fid-definizzjoni, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki ***kontra l-faqar***; |

Or. en

**Emenda 173**
**Liesbet Sommen, Martine Kemp**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt e**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| e) il-parteċipazzjoni ***xierqa***, ***effettiva*** u trasparenti ta' persuni ***f'sitwazzjoni ta' faqar*** fid-definizzjoni, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki indirizzati ***lilhom***; | e) il-parteċipazzjoni ***b'mod xieraq***, ***effettiv*** u trasparenti ta' persuni ***li qed jgħixu fil-faqar*** fid-definizzjoni, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki ***li jaffettwawhom; jappella għal approċċ olistiku biex jiġu indirizzati r-riskji tal-faqar kemm għall-persuni li diġà jgħixu fil-faqar kif ukoll għal dawk fil-klassi medja li jinsabu f'riskju li jispiċċaw f'sitwazzjoni ta' faqar minħabba t-tibdil fil-klima; jenfasizza l-ħtieġa ta' politiki mmirati li jagħmlu l-miżuri klimatiċi soċjalment affordabbli u ta' miżuri ta' appoġġ għall-persuni affettwati minn diżastri relatati mal-klima;*** |

Or. en

**Emenda 174**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt e**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| e) il-parteċipazzjoni ***xierqa***, ***effettiva*** u ***trasparenti*** ta' ***persuni f'sitwazzjoni ta' faqar fid-definizzjoni***, ***l-implimentazzjoni*** u ***l-evalwazzjoni tal-politiki indirizzati lilhom***; | e) il-parteċipazzjoni ***ta' persuni li jkunu qed jesperjenzaw il-faqar fit-tfassil***, ***fl-implimentazzjoni*** u ***fl-evalwazzjoni*** ta' ***politiki li jaffettwawhom, b'mod xieraq***, ***effettiv u trasparenti mirfud minn metodoloġija*** u ***bini tal-kapaċitajiet li jippermettu l-involviment attiv u infurmat tagħhom fil-ħajja ċivika***; |

Or. en

**Emenda 175**
**Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt e**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| e) il-parteċipazzjoni ***xierqa***, ***effettiva*** u trasparenti ta' persuni ***f'sitwazzjoni*** ta' ***faqar*** fid-definizzjoni, ***l-implimentazzjoni*** u ***l-evalwazzjoni*** tal-politiki ***indirizzati lilhom***; | e) il-parteċipazzjoni ***sinifikattiva***, ***b'mod xieraq, effettiv*** u trasparenti***,*** ta' persuni ***li qed jgħixu fil-faqar u b'esperjenza*** ta' ***għajxien fil-faqar, inklużi gruppi emarġinati u vulnerabbli,*** fid-definizzjoni, ***fl-implimentazzjoni*** u ***fl-evalwazzjoni*** tal-politiki ***li jaffettwawhom***; |

Or. en

**Emenda 176**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt e**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| e) il-parteċipazzjoni ***xierqa***, ***effettiva*** u trasparenti ta' persuni ***f'sitwazzjoni ta' faqar*** fid-definizzjoni, ***l-implimentazzjoni*** u ***l-evalwazzjoni*** tal-politiki ***indirizzati lilhom***; | e) il-parteċipazzjoni ***b'mod xieraq***, ***effettiv*** u trasparenti ta' persuni***, b'mod partikolari n-nisa u inklużi wkoll it-tfal, li qed jgħixu fil-faqar*** fid-definizzjoni, ***fl-implimentazzjoni*** u ***fl-evalwazzjoni*** tal-politiki ***li qed jaffettwawhom***; |

Or. en

**Emenda 177**
**João Oliveira, Marie Toussaint, Marit Maij, Pasquale Tridico, Hristo Petrov, Estrella Galán, Pernando Barrena Arza, Giorgos Georgiou, Lynn Boylan, Leila Chaibi, Damien Carême, Anthony Smith, Vicent Marzà Ibáñez, Marina Mesure, Dario Tamburrano, Murielle Laurent, Eric Sargiacomo, Cecilia Strada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt e**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| e) il-parteċipazzjoni ***xierqa***, ***effettiva*** u | e) il-parteċipazzjoni ***b'mod inklużiv***, |

| | |
|---|---|
| trasparenti ta' persuni ***f'sitwazzjoni ta' faqar*** fid-definizzjoni, ***l-implimentazzjoni*** u ***l-evalwazzjoni*** tal-politiki ***indirizzati lilhom***; | ***effettiv*** u trasparenti ta' persuni ***li qed jesperjenzaw il-faqar*** fid-definizzjoni, ***fl-implimentazzjoni*** u ***fl-evalwazzjoni*** tal-politiki ***li jaffettwawhom***; |

Or. en

**Emenda 178**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 - punt e - punt i (ġdid):**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***i) attenzjoni partikolari għal forom estremi ta' faqar u esklużjoni soċjali bħall-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, li l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-partijiet ikkonċernati ewlenin fid-Dikjarazzjoni ta' Liżbona impenjaw ruħhom li jaħdmu sabiex jintemmu;*** |

Or. en

**Emenda 179**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 - punt e - punt ii (ġdid):**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***ii) indikaturi tal-progress u qafas ta' monitoraġġ li jiżguraw il-kejl tas-suċċess u tal-impatt tal-Istrateġija Kontra l-Faqar, li jkollhom l-għeruq tagħhom fis-Semestru Ewropew, li jappellaw lill-Istati Membri biex jinkludu azzjonijiet rilevanti fil-pjanijiet strutturali fiskali tagħhom fuq terminu medju tagħhom u jagħtu aċċess għall-flessibbiltà tal-Qafas ta' Governanza Ekonomika l-ġdid biex*** |

***jimmobilizzaw il-fondi pubbliċi għal prijoritajiet komprensivi tal-UE;***

Or. en

**Emenda 180**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 - punt e - punt iii (ġdid):**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***iii) mekkaniżmu ta' governanza f'diversi livelli appoġġjat minn riżorsi umani u finanzjarji adegwati fil-livell tal-Kummissjoni Ewropea, u li jiżgura koordinazzjoni effettiva mal-istrateġiji nazzjonali u lokali kontra l-faqar;*** |

Or. en

**Emenda 181**
**Liesbet Sommen, Martine Kemp**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***ea) il-ġlieda attiva kontra l-faqar fost it-tfal sabiex jitkisser iċ-ċiklu tal-faqar intergenerazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri tal-UE, ir-reġjuni u s-soċjetà ċivili, jiżviluppaw pjan ta' azzjoni koordinat iffukat fuq opportunitajiet edukattivi ugwali u l-iżvilupp san ta' kull tifel u tifla; jipproponi li f'dan il-pjan jiġi inkluż pjan direzzjonali bl-objettiv li jintemm il-faqar fost it-tfal, kif stabbilit fil-Prinċipju 11 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;*** |

Or. en

**Emenda 182**
**Sérgio Humberto, Martine Kemp, Niels Geuking**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***ea) azzjoni sistemika ġenwina mmirata lejn il-ġlieda kontra l-faqar u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali tirrikjedi interventi fit-tul, żviluppati bħala parti minn proċess trasformattiv li jiġi estiż u kkonsolidat maż-żmien;*** |

Or. pt

**Emenda 183**
**Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***ea) prinċipju fundamentali u orizzontali ta' nondiskriminazzjoni fl-Istrateġija kollha biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi strutturali u l-istigmi tas-soċjetà li għandhom l-għeruq tagħhom fid-diskriminazzjoni li tiggrava l-faqar u l-esklużjoni soċjali;*** |

Or. en

**Emenda 184**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***ea) l-allokazzjoni ta' riżorsi baġitarji adegwati għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali kif ukoll miżuri speċifiċi fl-istrumenti u fil-programmi ta' finanzjament rilevanti tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 185**
**Liesbet Sommen, Martine Kemp**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt eb (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***eb) għandha tingħata attenzjoni partikolari għal forom estremi ta' faqar u esklużjoni soċjali, bħall-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, li l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-partijiet ikkonċernati impenjaw ruħhom li jtemmu, kif stipulat fid-Dikjarazzjoni ta' Liżbona;*** |

Or. en

**Emenda 186**
**Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt eb (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***eb) l-għoti ta' finanzjament adegwat u sostnut għal miżuri kontra l-faqar permezz ta' mekkaniżmi baġitarji tal-Unjoni u nazzjonali biex tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni sħiħa tal-Istrateġija u jiġi żgurat impatt fit-tul;*** |

Or. en

**Emenda 187**
**Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt ec (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***ec) il-ġbir u l-użu sistematiku ta' data diżaggregata dwar il-faqar sabiex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ effettivi tal-Istrateġija;*** |

Or. en

**Emenda 188**
**Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tipproteġi x-xogħol taċ-ċittadini tal-Istati Membri minflok ma tissostitwihom bil-migranti minn pajjiżi terzi;*** |

Or. en

**Emenda 189**
**Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Nikola Bartůšek, Rachel Blom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Jistieden lill-Kummissjoni*** |

***Ewropea tidderoga l-istrateġija attwali tagħha dwar l-enerġija ekoloġika li lill-familji, lill-kumpaniji u lill-ħaddiema twassalhom għall-faqar;***

Or. en

**Emenda 190**
**Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Nikola Bartůšek, Rachel Blom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1c. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tnaqqas b'mod urġenti u drastiku l-hekk imsejħa għajnuna għall-iżvilupp tagħha għall-pajjiżi terzi, sabiex tiddedika r-riżorsi tagħha għall-ġlieda kontra l-faqar tal-familji nazzjonali u tal-ħaddiema li jappartjenu għall-Istati Membri;*** |

Or. en

**Emenda 191**
**Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1d. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tevita politika ta' intelliġenza artifiċjali li tinsa li l-familji, il-kumpaniji u l-ħaddiema għandhom ikunu fiċ-ċentru tagħha aktar milli magni puri;*** |

Or. en

**Emenda 192**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Distribuzzjoni aktar ġusta tal-ġid*** | ***Strateġija li tippermetti l-ġustizzja soċjali*** |

Or. en

**Emenda 193**
**Martine Kemp, Liesbet Sommen, Regina Doherty, Sérgio Humberto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Distribuzzjoni aktar ġusta tal-ġid*** | ***Opportunitajiet ta' impjiegi inklużivi u ta' kwalità*** |

Or. en

**Emenda 194**
**Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Distribuzzjoni aktar ***ġusta*** tal-ġid | ***Kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u*** distribuzzjoni aktar ***ekwa tal-introjtu u*** tal-ġid |

Or. en

**Emenda 195**
**Georgiana Teodorescu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jimplimentaw l-objettiv ta' livell massimu ta' impjiegi bħala linja gwida għall-politiki ekonomiċi u soċjali***; | 2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jippromwovu politiki li jrawmu l-ħolqien tal-impjiegi, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija, li jiffokaw fuq ekonomija kompetittiva li tista' tikseb livell massimu ta' impjiegi b'mod naturali***; |

Or. en

**Emenda 196**
**Martine Kemp, Liesbet Sommen, Regina Doherty, Sérgio Humberto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jimplimentaw l-objettiv*** ta' ***livell massimu*** ta' impjiegi ***bħala linja gwida għall-politiki*** ekonomiċi u soċjali; | 2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jagħmlu l-ilħuq*** ta' ***livelli għoljin*** ta' impjiegi ***u ta' xogħlijiet deċenti l-enfasi ċentrali tal-politiki*** ekonomiċi u soċjali; |

Or. en

**Emenda 197**
**Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw ***l-objettiv*** ta' ***livell massimu*** ta' ***impjiegi bħala linja gwida*** għall-politiki ekonomiċi u soċjali; | 2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw ***l-għan*** ta' ***impjiegi*** ta' ***kwalità, protezzjoni u servizzi soċjali adegwati għal kulħadd, kif ukoll distribuzzjoni ġusta tal-ġid u tal-*** |

***prosperità ekonomika bħala l-pedament*** għall-politiki ekonomiċi u soċjali;

Or. en

**Emenda 198**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw ***l-objettiv*** ta' livell massimu ta' impjiegi bħala linja gwida għall-politiki ekonomiċi u soċjali; | 2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw ***l-għan*** ta' livell massimu ta' impjiegi bħala linja gwida għall-politiki ekonomiċi u soċjali; ***jistieden f'dan il-kuntest lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-politiki attivi tagħhom tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari għal dawk li l-aktar jinsabu f'pożizzjoni mbiegħda mill-impjieg; jenfasizza li politiki attivi effettivi tas-suq tax-xogħol għandhom imorru lil hinn mill-aċċess għall-impjiegi u jinkludu wkoll servizzi abilitanti biex in-nies jibqgħu fl-impjieg, pereżempju, aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli, sostenibbli u deċenti, trasport f'distanza raġonevoli mill-post tax-xogħol u vouchers u sussidji tat-trasport;*** |

Or. en

**Emenda 199**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw ***l-objettiv*** ta' | 2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw ***l-għan*** ta' |

| | |
|---|---|
| livell massimu ta' impjiegi bħala linja gwida għall-politiki ekonomiċi u soċjali; | livell massimu ta' impjiegi***, pagi adegwati, xbieki ta' sikurezza soċjali b'saħħithom u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti*** bħala linja gwida għall-politiki ekonomiċi u soċjali; |

Or. en

**Emenda 200**
**Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Rachel Blom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw ***l-objettiv*** ta' livell massimu ta' impjiegi bħala linja gwida għall-politiki ekonomiċi u soċjali; | 2. ***Jirrakkomanda*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw ***l-għan*** ta' livell massimu ta' impjiegi bħala linja gwida għall-politiki ekonomiċi u soċjali; |

Or. en

**Emenda 201**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu politiki li jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tax-xogħol u jtejbu l-kwalità tal-impjiegi, inklużi relazzjonijiet ta' impjieg stabbli, pagi ***ġusti***, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti ***u sikuri*** u aċċess għall-protezzjoni soċjali; | 3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu politiki li jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tax-xogħol u jtejbu l-kwalità tal-impjiegi, inklużi relazzjonijiet ta' impjieg stabbli, ***apprendiment tul il-ħajja, titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tal-ħiliet,*** pagi ***adegwati***, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti***, saħħa*** u ***sikurezza,*** aċċess għall-protezzjoni soċjali***, u bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata***; ***jilqa' f'dan ir-rigward it-tħabbira ta' Pjan Direzzjonali għal Impjiegi ta' Kwalità biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta għall-ħaddiema kollha u għal dawk li jaħdmu*** |

***għal rashom, b'mod partikolari billi tiżdied il-kopertura tan-negozjar kollettiv; jisħaq li dan il-Pjan Direzzjonali jirrappreżenta opportunità biex jiġi stabbilit dritt individwali għat-taħriġ u għall-apprendiment tul il-ħajja; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa dan il-Pjan Direzzjonali f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali u tiżgura l-interkonnessjoni tiegħu mal-Istrateġija Kontra l-Faqar;***

Or. en

**Emenda 202**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu politiki li jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tax-xogħol u jtejbu l-kwalità tal-impjiegi, inklużi relazzjonijiet ta' impjieg stabbli, pagi ġusti, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u sikuri u aċċess għall-protezzjoni soċjali; | 3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu politiki li jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tax-xogħol u jtejbu l-kwalità tal-impjiegi, inklużi relazzjonijiet ta' impjieg stabbli, pagi ġusti, ***pagi ugwali bejn in-nisa u l-irġiel,*** kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u sikuri***, opportunitajiet ta' apprendiment tul il-ħajja*** u aċċess għall-protezzjoni soċjali ***irrispettivament mill-istatus fl-impjieg jew mill-età***; |

Or. en

**Emenda 203**
**Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu politiki li jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tax-xogħol ***u jtejbu*** l-kwalità tal-impjiegi***, inklużi*** relazzjonijiet ta' impjieg stabbli, pagi ġusti, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u sikuri u aċċess ***għall-protezzjoni*** soċjali; | 3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu politiki li jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tax-xogħol***, itejbu*** l-kwalità tal-impjiegi ***u jindirizzaw il-faqar fost dawk li jaħdmu permezz ta' negozjar kollettiv imsaħħa,*** relazzjonijiet ta' impjieg stabbli, pagi ġusti, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u sikuri***, nondiskriminazzjoni*** u aċċess ***għal protezzjoni*** soċjali ***adegwata***; |

Or. en

**Emenda 204**
**Romana Tomc**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu politiki li jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tax-xogħol u jtejbu l-kwalità tal-impjiegi, inklużi relazzjonijiet ta' impjieg stabbli, pagi ġusti, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u sikuri u aċċess għall-protezzjoni soċjali; | 3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu politiki li jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tax-xogħol u jtejbu l-kwalità tal-impjiegi, inklużi relazzjonijiet ta' impjieg stabbli, pagi ġusti, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u sikuri u aċċess għall-protezzjoni soċjali; ***jenfasizza l-ħtieġa li jiġu appoġġjati b'mod speċjali n-nisa, it-tfal, iż-żgħażagħ, il-familji u l-gruppi vulnerabbli, filwaqt li jiġu promossi miżuri mmirati lejn il-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-faqar fost it-tfal;*** |

Or. en

**Emenda 205**
**Evelyn Regner, Aodhán Ó Ríordáin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu politiki li jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tax-xogħol u jtejbu l-kwalità tal-impjiegi, inklużi relazzjonijiet ta' impjieg stabbli, pagi ġusti, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u sikuri u aċċess għall-protezzjoni soċjali; | 3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu politiki li jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tax-xogħol u jtejbu l-kwalità tal-impjiegi, inklużi relazzjonijiet ta' impjieg stabbli, pagi ġusti, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u sikuri***, rappreżentanza minn rappreżentanti tal-ħaddiema, il-libertà li jiġu stabbiliti trade unions u li wieħed jingħaqad magħhom*** u aċċess għall-protezzjoni soċjali; |

Or. en

**Emenda 206**
**João Oliveira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu politiki li jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tax-xogħol u jtejbu l-kwalità tal-impjiegi, inklużi relazzjonijiet ta' impjieg stabbli, pagi ġusti, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u sikuri u aċċess għall-protezzjoni soċjali; | 3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu politiki li jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tax-xogħol u jtejbu l-kwalità tal-impjiegi, inklużi relazzjonijiet ta' impjieg stabbli, pagi ġusti, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u sikuri u aċċess għall-protezzjoni soċjali; ***jinsisti, f'dan il-kuntest, li l-eżistenza ta' ħaddiema f'riskju ta' faqar fl-UE mhijiex aċċettabbli, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw miżuri li jkunu konsistenti mal-eliminazzjoni ta' din is-sitwazzjoni;*** |

Or. pt

**Emenda 207**
**Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Rachel Blom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu politiki li jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tax-xogħol u jtejbu l-kwalità tal-impjiegi, inklużi relazzjonijiet ta' impjieg stabbli, pagi ġusti, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u sikuri u aċċess għall-protezzjoni soċjali; | 3. ***Jirrakkomanda*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu politiki li jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tax-xogħol u jtejbu l-kwalità tal-impjiegi, inklużi relazzjonijiet ta' impjieg stabbli, pagi ġusti, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u sikuri u aċċess għall-protezzjoni soċjali; |

Or. en

**Emenda 208**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jisħaq fuq il-persistenza tal-faqar fost dawk li jaħdmu għal ħaddiem wieħed minn kull tnax madwar l-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu miżuri komprensivi biex jitnaqqas il-faqar fost dawk li jaħdmu fl-Istrateġija billi jiġu indirizzati l-ostakli strutturali lil hinn mill-kwalità tal-impjiegi, inkluż l-aċċess u l-appoġġ għas-servizzi tal-kura tat-tfal, it-titjib tar-rikonoxximent tal-kwalifiki, u l-indirizzar tan-nuqqas ta' gwida għall-karriera mfassla apposta u appoġġ għat-taħriġ; jisħaq li t-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2022/2041 dwar pagi minimi adegwati se tkun kruċjali għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-riskji tal-faqar fost il-ħaddiema, filwaqt li ssaħħaħ l-inċentivi għax-xogħol, u jilqa' l-fatt li diversi Stati Membri emendaw jew qed jippjanaw li jemendaw l-oqfsa tal-paga*** |

***minima tagħhom;***

Or. en

**Emenda 209**
**João Oliveira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika fuq il-post tax-xogħol bħala għodda għall-ġlieda kontra l-faqar, li tippresupponi d-difiża u r-rispett tad-drittijiet u tal-prinċipji bħad-dritt għall-organizzazzjoni u għall-azzjoni kollettiva u n-negozjar kollettiv; id-drittijiet tat-trade unions; id-dritt tal-istrajkjar, il-prinċipju ta' projbizzjoni ta' sensja inġusta; il-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali; il-prinċipju li x-xogħol jiġi adattat għall-ħtiġijiet tal-bniedem u li l-ħajja tal-familja u dik personali jiġu rrikonċiljati max-xogħol permezz ta' sigħat tax-xogħol xierqa; it-tnaqqis tal-ħin tax-xogħol sabiex il-ħaddiema jkunu jistgħu jipparteċipaw fil-ħajja politika, fit-trade unions u fil-ħajja soċjali;*** |

Or. pt

**Emenda 210**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu s-suq tax-xogħol*** |

***aktar inklużiv għall-gruppi tal-etajiet kollha, inkluż għall-ħaddiema akbar fl-età, b'mod partikolari n-nisa akbar fl-età, li jiffaċċjaw rati baxxi ħafna ta' reklutaġġ u riskju qawwi ta' qgħad u inattività fit-tul meta jitilfu l-impjieg tagħhom qabel l-età tal-pensjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi azzjonijiet immirati biex tiżgura livelli ta' pensjonijiet adegwati;***

Or. en

**Emenda 211**
**João Oliveira, Marie Toussaint, Marit Maij, Pasquale Tridico, Hristo Petrov, Estrella Galán, Pernando Barrena Arza, Giorgos Georgiou, Lynn Boylan, Leila Chaibi, Damien Carême, Anthony Smith, Vicent Marzà Ibáñez, Marina Mesure, Dario Tamburrano, Murielle Laurent, Eric Sargiacomo, Cecilia Strada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu s-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, il-perkorsi ta' taħriġ, u s-sistemi ta' assistenza għat-tiftix ta' impjieg għal persuni li jkunu qed jesperjenzaw il-faqar u gruppi vulnerabbli, b'mod partikolari individwi qiegħda fit-tul u b'livell baxx ta' ħiliet; jisħaq fuq l-importanza ta' gwida individwalizzata, rikonoxximent tal-ħiliet informali, u r-rabta tat-taħriġ ma' opportunitajiet ta' xogħol ta' kwalità;*** |

Or. en

**Emenda 212**
**András Tivadar Kulja**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, it-taħriġ u r-remunerazzjoni tal-ħaddiema tal-kura fid-djar u tal-kura fit-tul, li huma essenzjali biex jiġi żgurat appoġġ dinjituż għall-persuni akbar fl-età u għall-persuni b'diżabbiltà;*** |

Or. en

**Emenda 213**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Jistieden lill-Kummissjoni tintegra l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-apprendiment tul il-ħajja fl-Istrateġija Kontra l-Faqar, b'enfasi fuq l-edukazzjoni inklużiva u r-riintegrazzjoni ta' persuni li jitilqu kmieni mill-iskola; jirrakkomanda l-espansjoni tal-programmi tal-litteriżmu diġitali u medjatiku u l-investiment fl-edukazzjoni li tagħti ċans ieħor; jenfasizza l-ħtieġa li l-Istrateġija Kontra l-Faqar tintrabat ma' programmi inklużivi ta' edukazzjoni, titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tal-ħiliet, kif ukoll l-involviment ċiviku, immirat speċifikament lejn gruppi vulnerabbli, persuni qiegħda fit-tul, ġenituri waħedhom u persuni li jitilqu kmieni mill-iskola;*** |

Or. en

**Emenda 214**
**András Tivadar Kulja**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Jappella għall-professjonalizzazzjoni u għar-rikonoxximent formali tax-xogħol ta' kura u appoġġ, b'perkorsi tal-karriera ċari, sistemi ta' ċertifikazzjoni, u protezzjonijiet tad-drittijiet tax-xogħol, biex jiġu attirati u jinżammu l-ħaddiema f'settur essenzjali għar-reżiljenza demografika u l-inklużjoni soċjali;*** |

Or. en

**Emenda 215**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3c. Jenfasizza li s-segregazzjoni fl-aċċess għall-edukazzjoni ġenerali għat-tfal b'diżabbiltà tibqa' sfida madwar l-UE filwaqt li tirriżulta f'esklużjoni soċjali; jitlob li l-Istrateġija Kontra l-Faqar tiżgura l-aċċessibbiltà tal-edukazzjoni għat-tfal b'diżabbiltà, kemm f'termini ta' infrastruttura fiżika kif ukoll ta' riżorsi edukattivi, sabiex tiggarantixxi opportunitajiet indaqs għall-istudenti kollha; jisħaq fuq il-potenzjal ta' teknoloġiji assistivi u IA affordabbli biex jissaħħaħ it-tagħlim inklużiv għall-istudenti b'diżabbiltà, filwaqt li jiġi offrut appoġġ personalizzat, għodod adattivi, u komunikazzjoni aħjar; iħeġġeġ lill-Istati Membri jinvestu f'dawn it-teknoloġiji u jiżguraw li l-għalliema jkunu mħarrġa biex jintegrawhom b'mod effettiv; jistieden ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw salvagwardji robusti kontra d-dijanjożi ħażina tad-*** |

***diżabbiltajiet intellettwali jew il-ħtiġijiet edukattivi speċjali fost it-tfal Rom u s-segregazzjoni edukattiva; jisħaq fuq l-importanza ta' prattiki ta' valutazzjoni nondiskriminatorji, kif ukoll politiki ta' edukazzjoni inklużiva li jirrispettaw id-drittijiet u d-dinjità tat-tfal kollha;***

Or. en

**Emenda 216**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3d. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw u jespandu b'mod sistematiku l-oqfsa nazzjonali għall-validazzjoni tal-apprendiment mhux formali u informali, li jippermettu r-rikonoxximent tal-esperjenza prattika f'setturi bħall-kostruzzjoni, l-agrikoltura, is-saħħa u l-kura soċjali, is-settur tal-Horeca, il-manifattura, l-artiġjanat, il-loġistika, u l-ICT, filwaqt li jibnu fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali[1a]; jistieden ukoll lill-Istati Membri jsaħħu dawn l-iskemi ta' validazzjoni biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol;*** |
| | ***[1a] ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1–5.*** |

Or. en

**Emenda 217**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3e (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3e. Jinsab imħasseb dwar il-livell tal-qgħad fost iż-żgħażagħ, li għadu għoli ħafna f'diversi Stati Membri u aktar mid-doppju tar-rata ġenerali tal-qgħad fil-livell tal-UE; ifakkar fl-impenn li l-Istati Membri ħadu fil-konfront taż-żgħażagħ fl-ambitu tal-istabbiliment tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ; jemmen li l-Istrateġija tal-UE Kontra l-Faqar għandha l-potenzjal li tiżviluppa aktar sinerġiji bejn il-Garanzija għat-Tfal u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ, u ssaħħaħ iż-żewġ strumenti, sabiex jiġi żgurat appoġġ adegwat għaż-żgħażagħ fil-bżonn matul l-iżvilupp personali u professjonali tagħhom; jitlob f'dan ir-rigward appoġġ imsaħħaħ għal żgħażagħ li fi tranżizzjoni barra mill-kura, biex jiġi żgurat perkors stabbli u dinjituż lejn il-fażi tal-ħajja adulta; jirrakkomanda miżuri bħall-assistenza għall-akkomodazzjoni, aċċess imtejjeb għal opportunitajiet ta' taħriġ u impjieg, traineeships imħallsa, appoġġ bil-miżati tal-edukazzjoni u tat-taħriġ universitarji jew vokazzjonali (VET), u mentoraġġ sabiex jiġi evitat il-fenomenu ta' "f'xifer l-irdum tal-kura (care cliff)"[1a] u jitnaqqas ir-riskju tal-faqar, l-esklużjoni soċjali, u l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar matul dan il-perjodu kritiku;***<br><br>***1a Field, A, Sen, R, Johnston, C & Ellis, K 2021, "Turning 18 in Specialised Residential Therapeutic Care: Independence or a Cliff Edge?", Children & Society, vol. 35, nru. 5, p. 784-798. https://doi.org/10.1111/chso.12450.*** |

Or. en

**Emenda 218**
**Georgiana Teodorescu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri ***jikkunsidraw il-ħolqien ta' strument għall-ġlieda kontra l-faqar permezz tal-kisba b'mod universali tad-dritt għax-xogħol*** u ***l-objettiv*** ta' ***livell massimu*** ta' ***impjiegi, immirat primarjament lejn il-ġlieda*** kontra ***l-qgħad u s-sottoimpjieg***; | 4. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri ***jiffukaw fuq it-tisħiħ tal-flessibbiltà tas-suq tax-xogħol, it-tnaqqis tal-ostakli regolatorji,*** u ***l-iżgurar*** ta' ***aċċess ugwali għall-opportunitajiet*** ta' ***impjieg bħala komponenti ewlenin fil-ġlieda*** kontra ***l-faqar***; |

Or. en

**Emenda 219**
**Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres, Rachel Blom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri ***jikkunsidraw il-ħolqien ta' strument għall-ġlieda kontra l-faqar permezz tal-kisba b'mod universali tad-dritt għax-xogħol u l-objettiv ta' livell massimu ta' impjiegi, immirat*** primarjament lejn il-ġlieda kontra l-qgħad u s-sottoimpjieg; | 4. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri ***jimmiraw*** primarjament lejn il-ġlieda kontra l-qgħad u s-sottoimpjieg; |

Or. en

**Emenda 220**
**Martine Kemp, Liesbet Sommen, Regina Doherty, Sérgio Humberto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkunsidraw il-ħolqien ta' strument għall-ġlieda kontra l-faqar permezz tal-kisba b'mod universali tad-dritt għax-xogħol u ***l-objettiv ta' livell massimu*** ta' impjiegi, immirat primarjament lejn il-ġlieda kontra l-qgħad u s-sottoimpjieg; | 4. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkunsidraw il-ħolqien ta' strument għall-ġlieda kontra l-faqar permezz tal-kisba b'mod universali tad-dritt għax-xogħol u ***l-għan li jinkisbu livelli għoljin*** ta' ***impjieg u*** impjiegi ***deċenti***, immirat primarjament lejn il-ġlieda kontra l-qgħad u s-sottoimpjieg; |

Or. en

**Emenda 221**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkunsidraw ***il-ħolqien ta' strument għall-ġlieda kontra*** l-faqar permezz ***tal-kisba b'mod universali tad-dritt għax-xogħol*** u ***l-objettiv ta' livell massimu ta' impjiegi***, ***immirat primarjament*** lejn ***il-ġlieda*** kontra l-qgħad u s-sottoimpjieg; | 4. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkunsidraw ***li joħolqu jew isaħħu strumenti mmirati biex jiġġieldu*** l-faqar permezz ***ta' aċċess effettiv għax-xogħol għal gruppi żvantaġġati bħaż-żgħażagħ, ir-Rom,*** u ***l-persuni b'diżabbiltà; jisħaq f'dan ir-rigward fuq l-eżempji tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u l-programm "Aspira, Tgħallem, Aħkem***, ***Ikseb" (ALMA) sabiex jidderieġu dawn l-istrumenti*** lejn ***l-objettivi tal-ġlieda*** kontra l-qgħad u s-sottoimpjieg ***ta' gruppi vulnerabbli, filwaqt li jipprovdu appoġġ personalizzat lil persuni vulnerabbli li qed ifittxu impjieg u jżidu l-impjegabbiltà u l-ħiliet tagħhom kif ukoll il-fiduċja fihom infushom***; |

Or. en

**Emenda 222**
**Romana Tomc**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkunsidraw il-ħolqien ta' strument għall-ġlieda kontra l-faqar permezz tal-kisba b'mod universali tad-dritt għax-xogħol u ***l-objettiv*** ta' livell massimu ta' impjiegi, immirat primarjament lejn il-ġlieda kontra l-qgħad u s-sottoimpjieg; | 4. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkunsidraw il-ħolqien ta' strument għall-ġlieda kontra l-faqar permezz tal-kisba b'mod universali tad-dritt għax-xogħol u ***l-għan*** ta' livell massimu ta' impjiegi, immirat primarjament lejn il-ġlieda kontra l-qgħad u s-sottoimpjieg; ***jiddeplora l-fatt li fl-2024, 24,2 % tat-tfal fl-UE kienu fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali; itenni t-talba ripetuta tal-Parlament biex jiżdied b'mod urġenti l-finanzjament tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal b'baġit iddedikat u biex jiġi żgurat investiment pubbliku adegwat f'politiki li għandhom impatt dirett u indirett fuq il-ħajja tat-tfal; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Istati Membri kollha, mhux biss lil dawk affettwati mill-faqar fost it-tfal, jallokaw mill-anqas 5 % tar-riżorsi tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża biex jappoġġjaw attivitajiet fl-ambitu tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal fl-2026 kif ukoll jagħmlu użu sħiħ mill-possibbiltajiet ta' finanzjament eżistenti fl-ambitu tal-baġit tal-UE, bħal ReactEU u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jeqirdu l-faqar fost it-tfal;*** |

Or. en

**Emenda 223**
**Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkunsidraw il-ħolqien ta' | 4. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkunsidraw il-ħolqien ta' |

| | |
|---|---|
| strument għall-ġlieda kontra l-faqar permezz tal-kisba b'mod universali tad-dritt għax-xogħol u ***l-objettiv*** ta' ***livell massimu ta' impjiegi***, immirat primarjament lejn il-ġlieda kontra l-qgħad u s-sottoimpjieg; | strument għall-ġlieda kontra l-faqar permezz tal-kisba b'mod universali tad-dritt għax-xogħol u ***impjiegi*** ta' ***kwalità għal kulħadd***, immirat primarjament lejn il-ġlieda kontra l-qgħad u s-sottoimpjieg***, filwaqt li jirrikonoxxu li l-faqar ma jistax jinqered permezz tal-impjieg waħdu, u huwa meħtieġ approċċ olistiku bbażat fuq sistemi ta' protezzjoni soċjali b'saħħithom, mekkaniżmi ta' prevenzjoni tal-faqar u miżuri progressivi ta' tassazzjoni***; |

Or. en

**Emenda 224**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkunsidraw il-ħolqien ta' strument għall-ġlieda kontra l-faqar permezz tal-kisba b'mod universali tad-dritt għax-xogħol u ***l-objettiv*** ta' livell massimu ta' impjiegi, immirat primarjament lejn il-ġlieda kontra l-qgħad u s-sottoimpjieg; | 4. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkunsidraw il-ħolqien ta' strument għall-ġlieda kontra l-faqar permezz tal-kisba b'mod universali tad-dritt għax-xogħol u ***l-għan*** ta' livell massimu ta' impjiegi ***deċenti***, immirat primarjament lejn il-ġlieda kontra l-qgħad u s-sottoimpjieg***, u b'enfasi partikolari fuq it-tneħħija tal-ostakli għall-impjieg għan-nies l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol***; |

Or. en

**Emenda 225**
**João Oliveira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkunsidraw il-ħolqien ta' strument għall-ġlieda kontra l-faqar permezz tal-kisba b'mod universali tad-dritt għax-xogħol u ***l-objettiv*** ta' livell massimu ta' impjiegi, immirat primarjament lejn il-ġlieda kontra l-qgħad u s-sottoimpjieg; | 4. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkunsidraw il-ħolqien ta' strument għall-ġlieda kontra l-faqar permezz tal-kisba b'mod universali tad-dritt għax-xogħol u ***l-għan*** ta' livell massimu ta' impjiegi, immirat primarjament lejn il-ġlieda kontra l-qgħad u s-sottoimpjieg; ***iqis li dan l-istrument għandu jqis l-użu tal-impjiegi pubbliċi u l-ħtiġijiet tar-riżorsi umani fis-servizzi pubbliċi biex jiżgura l-funzjonijiet soċjali tal-Istati Membri, soġġett għall-kriterji u l-objettivi tal-koeżjoni ekonomika u s-sodisfazzjon tal-ħtiġijiet soċjali, filwaqt li jirrispetta l-ispeċifiċitajiet tal-leġiżlazzjoni tax-xogħol ta' kull Stat Membru; jisħaq li l-użu ta' dan l-istrument għandu jkun marbut mal-aċċess għall-benefiċċji soċjali, sabiex jiġi evitat li dan jaġixxi bħala fattur li jillimita tali aċċess, u jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' appoġġ personalizzat għall-protezzjoni soċjali fid-dawl tal-multidimensjonalità tas-sitwazzjonijiet ta' faqar;*<br><br>Or. pt |

**Emenda 226**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4 a. Iqis li l-ekonomija soċjali hija komponent essenzjali tal-ekonomija soċjali tas-suq tal-UE u xprun għall-implimentazzjoni tal-EPSR u l-miri tiegħu, li spiss tipprovdi impjieg lil gruppi vulnerabbli u esklużi; jitlob li l-Istrateġija Kontra l-Faqar ssaħħaħ l-ekonomija soċjali f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ekonomija Soċjali u l-Pjan*** |

***Direzzjonali ta' Liège għall-Ekonomija Soċjali fl-Unjoni Ewropea; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tesplora mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi, bħall-bonds b'impatt soċjali, biex tiffinanzja proġetti li jappoġġjaw l-iżvilupp tal-ekonomija soċjali fl-Ewropa[1a];***

---

***1a Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2022 dwar il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ekonomija soċjali (2021/2179(INI)).***

Or. en

**Emenda 227**
**Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw miżuri effettivi mmirati lejn l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' "paga ugwali għal xogħol ugwali u xogħol ta' valur ugwali", il-ġlieda kontra l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari billi tingħata attenzjoni lill-indirizzar tas-sottovalutazzjoni sistematika tax-xogħol tan-nisa u l-impatt kumulattiv tagħhom matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom li jirriżulta f'pagi aktar baxxi, intitolamenti tal-pensjoni mnaqqsa, u kopertura tal-protezzjoni soċjali mnaqqsa;*** |

Or. en

**Emenda 228**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li, kif enfasizzat fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2025, l-ebda Stat Membru għadu ma stabbilixxa skema ta' introjtu minimu adegwat li tilħaq mill-anqas il-limitu tar-riskju ta' faqar nazzjonali; ifakkar li r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Jannar 2023 dwar introjtu minimu adegwat tistieden lill-Istati Membri jiżguraw l-adegwatezza tal-iskemi ta' introjtu minimu bħala strument ewlieni fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali;*** |

Or. en

**Emenda 229**
**João Oliveira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-adegwatezza, l-aċċessibbiltà u l-kopertura tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali tagħhom;*** |

Or. pt

**Emenda 230**
**Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Nikola Bartůšek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimplimentaw politiki li jippromwovu lis-settur primarju;*** |

Or. en

**Emenda 231**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Jissottolinja li, fl-2024, 42,87 % tal-popolazzjoni tal-UE kienet f'riskju ta' faqar qabel it-trasferimenti soċjali[1a], rata li tnaqqset għal 16,2 % wara t-trasferimenti inkwistjoni[1b], u dan jikkorrispondi għal tnaqqis ta' 34,41 %[1c]; jenfasizza li t-trasferimenti soċjali effettivi, inklużi l-benefiċċji tat-tfal, l-iskemi ta' introjtu minimu, il-pensjonijiet, u s-sussidji għall-enerġija u għall-akkomodazzjoni, huma strument b'saħħtu biex jitnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu u jiffinanzjaw b'mod adegwat tali mekkaniżmi ridistributtivi;*** |
| | ***1a Ir-rata tar-riskju tal-faqar qabel it-trasferimenti soċjali (pensjonijiet inklużi fit-trasferimenti soċjali) skont il-livell limitu ta' faqar, l-età u s-sess, Eurostat, https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/ilc_li09__custom_17282914/default/table?lang=en.*** |
| | ***1b Ir-rata tar-riskju tal-faqar skont il-livell limitu ta' faqar, l-età u s-sess, Eurostat, https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/ilc_li02__custom_17184183/bookmark/table?lang=en&bookmarkId=0638cf41*** |

***-b3aa-4346-b927-26c90ba362b9.***

***[1c] L-impatt tat-trasferimenti soċjali (eskluż l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar skont is-sess, Eurostat, https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/tespm050/default/table?lang=en&category=es.tespm.***

Or. en

**Emenda 232**
**Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki biex isaħħu d-drittijiet u l-liv tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri, jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u arranġamenti ta' xogħol flessibbli, jiffaċilitaw ir-ritorn tan-nisa għax-xogħol wara tqala u liv tal-maternità u jiżguraw kundizzjonijiet adegwati għat-treddigħ fuq il-post tax-xogħol;*** |

Or. en

**Emenda 233**
**Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Jirrakkomanda lill-Kummissjoni Ewropea tippromwovi l-industrija rappreżentata minn kumpaniji u minn ħaddiema tal-Istati Membri aktar milli*** |

***minn atturi globalisti;***

Or. en

**Emenda 234**
**Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres, Rachel Blom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta inizjattiva dwar introjtu minimu adegwat li jiggarantixxi inklużjoni soċjali u tax-xogħol attiva u jikkontribwixxi għall-qerda tal-faqar, filwaqt li jirrispetta l-kompetenzi tal-Istati Membri, l-ispeċifiċitajiet nazzjonali tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-prinċipju tas-sussidjarjetà;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 235**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni tippreżenta ***inizjattiva*** dwar introjtu minimu adegwat ***li jiggarantixxi*** inklużjoni soċjali ***u tax-xogħol*** attiva ***u jikkontribwixxi għall-qerda tal-faqar***, filwaqt li ***jirrispetta*** l-kompetenzi tal-Istati Membri, l-ispeċifiċitajiet nazzjonali tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-prinċipju tas-sussidjarjetà; | 5. ***Iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni tippreżenta ***direttiva qafas tal-UE*** dwar introjtu minimu adegwat ***u*** inklużjoni soċjali attiva, filwaqt li ***tirrispetta*** l-kompetenzi tal-Istati Membri, l-ispeċifiċitajiet nazzjonali tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-prinċipju tas-sussidjarjetà; ***jisħaq li din il-proposta tikkontribwixxi għall-għanijiet tal-qerda tal-faqar u t-trawwim tal-integrazzjoni ta' persuni assenti mis-suq tax-xogħol billi tistabbilixxi standards komuni dwar l-adegwatezza, l-aċċessibbiltà u l-kopertura*** |

***ta' skemi ta' introjtu minimu; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-iskemi ta' introjtu minimu u skemi soċjali oħra jiġu aġġustati biex jippreservaw l-adegwatezza u l-aċċessibbiltà tagħhom sabiex jipproteġu lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli;***

Or. en

**Emenda 236**
**João Oliveira, Marie Toussaint, Marit Maij, Pasquale Tridico, Hristo Petrov, Estrella Galán, Pernando Barrena Arza, Giorgos Georgiou, Lynn Boylan, Leila Chaibi, Damien Carême, Anthony Smith, Vicent Marzà Ibáñez, Marina Mesure, Sirpa Pietikäinen, Dario Tamburrano, Murielle Laurent, Eric Sargiacomo, Cecilia Strada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni tippreżenta ***inizjattiva*** dwar introjtu minimu adegwat ***li jiggarantixxi*** inklużjoni soċjali ***u tax-xogħol*** attiva ***u jikkontribwixxi għall-qerda tal-faqar***, filwaqt li ***jirrispetta*** l-kompetenzi tal-Istati Membri, l-ispeċifiċitajiet nazzjonali tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-prinċipju tas-sussidjarjetà; | 5. ***Iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni tippreżenta ***direttiva qafas tal-UE*** dwar introjtu minimu adegwat ***u*** inklużjoni soċjali attiva, filwaqt li ***tirrispetta*** l-kompetenzi tal-Istati Membri, l-ispeċifiċitajiet nazzjonali tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-prinċipju tas-sussidjarjetà; ***jisħaq li din il-proposta tikkontribwixxi għall-għanijiet tal-qerda tal-faqar u t-trawwim tal-integrazzjoni ta' persuni assenti mis-suq tax-xogħol billi tistabbilixxi standards komuni dwar l-adegwatezza, l-aċċessibbiltà u l-kopertura ta' skemi ta' introjtu minimu;*** |

Or. en

**Emenda 237**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni tippreżenta ***inizjattiva*** dwar introjtu minimu adegwat ***li jiggarantixxi*** inklużjoni soċjali u ***tax-xogħol attiva*** u ***jikkontribwixxi*** għall-qerda tal-faqar, filwaqt li ***jirrispetta*** l-kompetenzi tal-Istati Membri, l-ispeċifiċitajiet nazzjonali tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-prinċipju tas-sussidjarjetà; | 5. ***Iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni tippreżenta ***Direttiva Ewropea*** dwar introjtu minimu adegwat ***u tiżgura*** inklużjoni soċjali u ***parteċipazzjoni fl-impjieg attivi*** u ***tikkontribwixxi*** għall-qerda tal-faqar, filwaqt li ***tirrispetta*** l-kompetenzi tal-Istati Membri, l-ispeċifiċitajiet nazzjonali tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-prinċipju tas-sussidjarjetà; |

Or. en

**Emenda 238**
**Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni tippreżenta ***inizjattiva dwar*** introjtu minimu adegwat ***li jiggarantixxi*** inklużjoni soċjali u ***tax-xogħol attiva*** u ***jikkontribwixxi*** għall-qerda tal-faqar, filwaqt li ***jirrispetta*** l-kompetenzi tal-Istati Membri, l-ispeċifiċitajiet nazzjonali tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-prinċipju tas-sussidjarjetà; | 5. ***Iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni tippreżenta ***proposta għal Direttiva li tistabbilixxi qafas għal*** introjtu minimu adegwat ***biex tiżgura*** inklużjoni soċjali u ***parteċipazzjoni fl-impjieg attivi*** u ***tikkontribwixxi*** għall-qerda tal-faqar, filwaqt li ***tirrispetta*** l-kompetenzi tal-Istati Membri, l-ispeċifiċitajiet nazzjonali tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-prinċipju tas-sussidjarjetà; |

Or. en

**Emenda 239**
**Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni tippreżenta inizjattiva dwar introjtu minimu adegwat ***li jiggarantixxi*** inklużjoni soċjali u ***tax-xogħol attiva*** u ***jikkontribwixxi*** għall-qerda tal-faqar, filwaqt li ***jirrispetta*** l-kompetenzi tal-Istati Membri, l-ispeċifiċitajiet nazzjonali tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-prinċipju tas-sussidjarjetà; | 5. ***Iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni tippreżenta inizjattiva dwar introjtu minimu adegwat ***biex tiżgura*** inklużjoni soċjali u ***parteċipazzjoni fl-impjieg attivi*** u ***tikkontribwixxi*** għall-qerda tal-faqar, filwaqt li ***tirrispetta*** l-kompetenzi tal-Istati Membri, l-ispeċifiċitajiet nazzjonali tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-prinċipju tas-sussidjarjetà; ***jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu minn miżuri ta' attivazzjoni tas-suq tax-xogħol biex jippromwovu l-parteċipazzjoni ta' gruppi sottorappreżentati — inklużi żgħażagħ u persuni akbar fl-età, nisa, persuni b'diżabbiltà, u persuni bi sfond ta' migrazzjoni — billi jipprovdu perkorsi personalizzati għal impjiegi ta' kwalità u inklużjoni soċjali;*** |

Or. en

**Emenda 240**
**Martine Kemp, Liesbet Sommen, Regina Doherty**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni tippreżenta inizjattiva dwar introjtu minimu adegwat ***li jiggarantixxi*** inklużjoni soċjali u ***tax-xogħol attiva*** u ***jikkontribwixxi għall-qerda tal-faqar***, filwaqt li ***jirrispetta*** l-kompetenzi tal-Istati Membri, l-ispeċifiċitajiet nazzjonali tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-prinċipju tas-sussidjarjetà; | 5. ***Iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni tippreżenta inizjattiva dwar introjtu minimu adegwat ***biex tiżgura*** inklużjoni soċjali u ***parteċipazzjoni fl-impjieg attivi*** u ***tikkontribwixxi biex jintemm il-faqar***, filwaqt li ***tirrispetta*** l-kompetenzi tal-Istati Membri, l-ispeċifiċitajiet nazzjonali tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-prinċipju tas-sussidjarjetà; |

Or. en

**Emenda 241**
**João Oliveira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw sistemi ġusti, ridistributtivi u progressivi għall-intaxxar tal-introjtu u tal-ġid, filwaqt li jiżguraw li l-baġits pubbliċi jkunu mgħammra biżżejjed biex jiffinanzjaw il-qerda tal-faqar u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi u jikkontrobattu d-distribuzzjoni inugwali tal-ġid; jissottolinja li l-ġustizzja fiskali hija essenzjali biex tinżamm il-koeżjoni soċjali;*** |

Or. pt

**Emenda 242**
**Martine Kemp, Liesbet Sommen, Regina Doherty**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jindirizzaw il-kwistjoni tal-faqar fost dawk li jaħdmu bħala sfida strutturali li trid tiġi indirizzata biex jittaffew il-pressjonijiet soċjali u ekonomiċi fuq l-unitajiet domestiċi affettwati u biex tiġi żgurata ż-żamma ta' ħaddiema mħarrġa u tas-sengħa fis-suq tax-xogħol Ewropew;*** |

Or. en

**Emenda 243**
**András Tivadar Kulja**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki ta' riintegrazzjoni u appoġġ għall-introjtu għall-individwi li jkunu qed jiffaċċjaw il-faqar minħabba kundizzjonijiet tas-saħħa fit-tul bħall-kanċer u diżabbiltajiet oħra, inkluż appoġġ immirat lejn ir-ritorn għax-xogħol u l-aċċess għall-protezzjoni soċjali;** |

Or. en

**Emenda 244**
**Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw u jinfurzaw id-Direttiva (UE) 2022/2041 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea biex jipproteġu lill-ħaddiema b'introjtu baxx u jsaħħu n-negozjar kollettiv u l-iffissar tal-pagi;** |

Or. en

**Emenda 245**
**Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. Jistieden lill-Istati Membri*** |

***jadottaw politiki ta' tassazzjoni ekwi u progressivi li jippromwovu r-ridistribuzzjoni, filwaqt li jiżguraw finanzjament pubbliku adegwat biex jiġġieldu l-faqar u jnaqqsu d-disparitajiet soċjali u ekonomiċi; jisħaq fuq l-importanza li jiġu indirizzati l-iżbilanċi fil-ġid u fir-riżorsi, u jafferma li l-kisba tal-ġustizzja fiskali hija vitali biex tiġi ppreservata l-unità soċjali u jiġu ssodisfati l-impenji deskritti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;***

Or. en

**Emenda 246**
**João Oliveira**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi ta' regolamentazzjoni tal-prezzijiet għal oġġetti u servizzi essenzjali li jiżguraw l-aċċessibbiltà tagħhom, inkluż fir-rigward tal-ikel, l-enerġija, l-ilma, l-akkomodazzjoni u l-komunikazzjonijiet;*** |

Or. pt

**Emenda 247**
**Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-iżgurar tan-natura indiviżibbli u universali tad-drittijiet politiċi**, **ekonomiċi,*** | ***L-aċċess għal servizzi pubbliċi ta' kwalità**, **protezzjoni** soċjali u **miżuri ta' appoġġ*** |

soċjali u ***kulturali***

Or. en

**Emenda 248**
**Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġġieldu l-faqar billi jippromwovu politiki li jiżguraw in-natura indiviżibbli u universali tad-drittijiet politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 249**
**Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres, Rachel Blom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġġieldu l-faqar billi jippromwovu politiki li jiżguraw ***in-natura indiviżibbli u universali*** tad-drittijiet ***politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali***; | 6. ***Jirrakkomanda*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġġieldu l-faqar billi jippromwovu politiki li jiżguraw ***l-universalità*** tad-drittijiet ***fundamentali***; |

Or. en

**Emenda 250**
**Georgiana Teodorescu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġġieldu l-faqar billi jippromwovu politiki li ***jiżguraw in-natura indiviżibbli u universali tad-drittijiet politiċi, ekonomiċi,*** soċjali u ***kulturali***; | 6. ***Iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġġieldu l-faqar billi jippromwovu politiki li ***jappoġġjaw l-universalità tad-drittijiet, filwaqt li jirrispettaw id-diversità tal-mudelli*** soċjali ***fl-Istati Membri kollha*** u ***l-kapaċità tagħhom li jfasslu soluzzjonijiet xierqa***; |

Or. en

**Emenda 251**
**Hristo Petrov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġġieldu l-faqar billi jippromwovu politiki li jiżguraw in-natura indiviżibbli u universali tad-drittijiet politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali; | 6. ***Iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġġieldu l-faqar billi jippromwovu politiki li jiżguraw in-natura indiviżibbli u universali tad-drittijiet politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali; ***jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw metodoloġiji għall-valutazzjoni tal-ostakli strutturali jew sistemiċi għall-ħruġ mill-faqar u mill-esklużjoni soċjali u għall-parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà, kemm jekk dawn l-ostakli jinsabu fis-sistemi legali jew fil-politiki pubbliċi tagħhom kif ukoll jekk jinsabu fl-implimentazzjoni tagħhom fil-livell territorjali;*** |

Or. en

**Emenda 252**
**Villy Søvndal**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġġieldu l-faqar billi jippromwovu politiki li jiżguraw in-natura indiviżibbli u universali tad-drittijiet politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali; | 6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġġieldu l-faqar billi jippromwovu politiki li jiżguraw in-natura indiviżibbli u universali tad-drittijiet politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali; ***jinsisti fuq l-importanza ta' approċċ intersezzjonali u multidixxiplinari f'dan ir-rigward;*** |

Or. en

**Emenda 253**
**Sérgio Humberto, Martine Kemp, Niels Geuking**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġġieldu l-faqar billi jippromwovu politiki li jiżguraw in-natura indiviżibbli u universali tad-drittijiet politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali; | 6. ***Iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġġieldu l-faqar billi jippromwovu politiki ***pubbliċi*** li jiżguraw in-natura indiviżibbli u universali tad-drittijiet politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali***. Jiġġieldu l-faqar u l-esklużjoni billi jippromwovu l-aċċess għall-akkomodazzjoni, l-ispazju u s-servizzi pubbliċi, il-kura tas-saħħa u l-benesseri u l-kwalità tal-ħajja***; |

Or. pt

**Emenda 254**
**Georgiana Teodorescu**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. 6a. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jrawmu ekonomija li*** |

***tiffjorixxi billi jinvestu f'inizjattivi ta' tkabbir, inklużi:***

***a) Il-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali għaċ-ċittadini kollha bħala ħila kritika għall-parteċipazzjoni fl-ekonomija moderna;***

***b) Il-monitoraġġ u t-tnaqqis tar-rati tat-tluq bikri mill-iskola permezz ta', fost l-oħrajn:***

***- interventi mmirati u l-istabbiliment ta' għanijiet ċari mal-Istati Membri biex jittejjeb dak li jinkiseb mill-edukazzjoni;***

***- sinerġiji ma' skemi oħra, bħall-iskema tal-Iskejjel għall-frott, il-ħxejjex, il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib skont ir-Regolament dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq, sabiex jiġi żgurat li t-tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali jkollhom aċċess prijoritarju għal ikel tajjeb għas-saħħa u nutrizzjonali u għal miżuri edukattivi;***

***- sinerġiji bejn l-iskema tal-Iskejjel għall-frott, il-ħxejjex, il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib skont ir-Regolament dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq u inizjattivi eżistenti oħra ta' kolazzjon tajjeb għas-saħħa u programmi għad-distribuzzjoni ta' ikliet regolari fl-iskejjel, inklużi ikliet sħan, kif ukoll sorsi oħra ta' finanzjament, sabiex jintlaħaq għadd akbar ta' tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, f'konformità mal-objettivi tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal;***

***c) L-inkoraġġiment ta' politiki li jistimulaw il-ħolqien tal-impjiegi u l-opportunitajiet ekonomiċi f'setturi emerġenti, biex b'hekk jiġu estiżi l-bażi tat-taxxa u r-riżorsi disponibbli għall-investiment soċjali;***

Or. en

**Emenda 255**
**András Tivadar Kulja**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jisħaq li l-politiki kontra l-faqar iridu jmorru lil hinn mill-protezzjoni u jipprovdu opportunitajiet reali u sostnuti għall-individwi u għall-komunitajiet emarġinati biex jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħajja ekonomika, soċjali u kulturali; jitlob bidla sistemika minn mudelli bbażati fuq il-karità għal approċċi orjentati lejn l-awtonomizzazzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 256**
**João Oliveira, Marie Toussaint, Marit Maij, Pasquale Tridico, Hristo Petrov, Estrella Galán, Pernando Barrena Arza, Giorgos Georgiou, Lynn Boylan, Leila Chaibi, Damien Carême, Anthony Smith, Vicent Marzà Ibáñez, Marina Mesure, Dario Tamburrano, Murielle Laurent, Eric Sargiacomo, Cecilia Strada**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jitlob l-inklużjoni ta' indikaturi kwalitattivi fl-Istrateġija tal-UE Kontra l-Faqar biex jiġi mmonitorjat l-aċċess għal akkomodazzjoni adegwata, ilma u s-sanità, kura tas-saħħa, edukazzjoni, parteċipazzjoni soċjali, impjiegi ta' kwalità u d-diskriminazzjoni soċjoekonomika sabiex jiġu riflessi aħjar l-aspetti multidimensjonali tal-faqar;*** |

Or. en